HARĠA TA' ŻMIEN IL-GWERRA

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

**Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"**

KULL TLIET XHUR

### X'FIH DAN IL-GĦADD


| | |
|---|---|
| L-Ortografija Tagħna | Editorjal |
| *Il Libiena* | Dun Karm |
| L-Ilsien Malti u l-Gwerra | **** |
| *Min Int?* | Ġ. Chetcuti |
| *Kampnar...* | Ġ. Chetcuti |
| Ħajja bla Ħajr | Ġ. Galea, M.D., D.PH. |
| Imħabba ta' Omm | P. P. Tabone, o.f.m. |
| B'Tifkira t'Oħti | Prof. Dun P. P. Saydon |
| *Iżda* | Dun Karm |
| Arloġġ żgħir u ġrajjietu | L. Cutajar |
| *It-Triq tal-Ħelsien* | Ġ. Chetcuti |
| *San Kalċidonju t'Għawdex* | A. Buttigieg, B.A., LL.D. |
| Eħlisna, Mulej! | K. Sant |
| Il-Ħidma Tagħna | |
| 'Orientalist' u l-'Għaqda' | A. Cremona |
| Biblijografija—Werrej tas-Sena | |

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA* | *TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | DIĊEMBRU 1940

## L-ORTOGRAFIJA TAGĦNA

L-Ortografija tagħna, jiġifieri l-ortografija ta' l-'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti', li l-lum hi l-ortografija uffiċjali tal-Gvern, inħadmet mill-aħjar nies li kellna f'din il-partita fis-snin 1922-23 f'xi tnejn u għoxrin laqgħa li kellhom fid-dar ta' l-U.C.S.G. il-Belt.

Il-għan ta' dawk li ħadu sehem f'dawk il-laqgħat kien illi jagħtu lill-ilsien Malti ortografija li twieġeb sewwa għas-sura tal-lsien malti, li hu semitiku, u f'ħin wieħed għax-xejrat li dan il-lsien ħa fid-drawwiet tal-ġens malti li hu ewropew.

Din l-ortografija, bl-alfabett u bir-regoli tagħha, dehret l-ewwel darba fit-'Tagħrif' li l-Għaqda ħarġet fl-1924.

Aħna li ħadna sehem f'dawk il-laqgħat, u li għadna hawn naħdmu għat-tisħiħ u għat-tirqim ta' lsienna, u li nafu kemm xkiel iltqajna miegħu—aktar min-naħa tal-pulitka milli min-naħa ta' l-istudji lingwistiċi—bqajna dejjem ingħarrxu u naħsbu jekk nistgħux insibu, u, jekk insibu, insewwu xi nuqqasijiet fit-tiswir ta' din l-ortografija, li bħal kull xogħol ieħor tal-bniedem, aktarx ma kellhiex toħroġ perfetta mill-ewwel.

Fil-ġurnali dehru xi fehmiet sewwa minn min kien jifhem fl-ilsna u sewwa minn min ma kienx: iżda aktarx kienu fehmiet persunali u dehriet tal-kustjoni min-naħa waħda biss: min ħares min-naħa tan-nisel tal-

Malti u xtaq idaħħal fl-Alfabet u fl-ortografija xi għeliem li jagħtihom sura aktar semitika; u min ħares min-naħa ta' l-użu fil-kliem ta' kulljum, u xtaq ineħħi u jbiddel xi ittri u xi għeliem, biex il-lsien malti jieħu xejra aktar ewropea u aktar taqbel mal-kliem kif inhu mlissen mill-Maltin tal-lum.

F'dawn l-aħħar xhur dehru wkoll ħafna artikoli min-nies li jidhru li jafu mhux biss il-bini tal-lsien malti, iżda wkoll ir-rabtiet li hu għandu ma' ilsna oħra ta' ġens wieħed; artikoli sbieħ fihom infushom, u li juru x-xogħol ta' reqqa li wieħed għamel fuq dan is-suġġett, iżda li għal dak li hu tisħiħ inkella tiswija ta' l-alfabet u ta' l-ortografija tal-Malti, ma kellhom u anqas ma sata' jkollhom ebda riżultat prattiku.

Aħna naħsbu illi għal dak li hu meħtieġ u fejjiedi, l-Ortografija tal-'Għaqda' għandha kullma ortografija tajba jista' jkollha; u l-kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu fuq is-sura tagħha ma jkunux ħlief fuq irqaqat ta' studji lingwistiċi li tassew jistgħu juru l-leħħ taddehen, il-medda tar-raj u l-qawwa tal-ħsieb ta' min jagħmilhom, u jgħaxxqu lil min għandu l-ħajra għallingwistika, iżda li ma jfejdu xejn għal dak li titlob issura xjentifika iżda f'ħin wieħed prattika ta' l-ortografija ta' lsien mitkellem.

Għalhekk aħna nżommu wkoll illi jekk għada pitgħada l-Gvern ikun irid jamar b'liġi illi din tal-Għaqda tkun l-ortografija għal kull min ikun irid joħroġ ktieb, rivista, ġurnal, eċċ. ikollna ortografija tajba li fil-waqt li taqdi tajjeb biżżejjed il-jedd tal-lsien fis-sura tiegħu semitika, taqdi wkoll lill-ġens malti fix-xejra ewropea li hu ħa ma' tul bosta sekuli fit-tlissin tal-kelma maltija.

U ma jridx wieħed jinsa li fis-sittax-il sena li għaddew mill-ħarġa tat-"Tagħrif" dehru kotba bla għadd għall-iskejjel tal-Gvern u għall-familji miktubin

bl-ortografija tal-Għaqda kif dehret fit-"Tagħrif", u li ma jaqbelx li għal xi rqaqat li m'humiex ta' siwi prattiku, wieħed jitfa' fil-ġenb dawk il-kotba biex jibdilhom ma' oħrajn li ma jkollhomx ħlief divrenzji żgħar, li qajla jiswew għan-nies imħarrġin fl-ilsna semitki, u ma jiswew xejn għall-kotra tal-qarrejja u taż-żgħażagħ li jridu jħejju ruħhom għal xi eżami.

Jalla f'dawn il-kwistjonijiet jirbaħ dejjem il-għaqal u d-dehen imwieżen fis-sewwa mill-imħabba tal-Pajjiż fil-ġieħ u fil-ħtiġiet tiegħu.

## Il-Libiena *

Għadda Settembru mċajpar, delli, niedi:
miet Ottubru mirjieħ, berrieqi, msaħħab:
daħal Novembru u ma' Novembru daħlet
safja l-Libiena.

Is-sema raġa', bħalma kien f'Awwissu,
ikħal bla nikta w beda r-raba' jħaddar:
taħt fewġa fietla donnha reġgħet twarrad
rebbiegħa ġdida.

Fil-ġonna, rasha lewn id-deh'b merfugħa,
issaltan il-lelluxa; jfuħ madwarha
il-ward bl-eluf, u l-lwien imżewqa jinsġu
dehriet saħħara.

Iżda mill-knejjes imxerrdin mal-gżira
jibki leħen ta' qniepen; liebsa l-iswed
in-nies fuq l-oqbra tqiegħed dwal u xxerred
tnehid u fjuri,

u bħall-bħur ta' l-inċens it-talb imnikket
jitla' mill-qlub li jafu l-morr tal-firda:
"Agħti l-mistrieħ, Mulej, lil min ħalliena
u d-dawl ta' dejjem."

*

Naħseb: Vistu u lellux... Bejn l-art u s-sema
nisthajjel ġwienaħ ħfief ta' rwieħ jittajru:
taħthom tfewwaħ il-ġonna u fuqhom tidħak
ħelwa l-Libiena.

DUN KARM

* Libiena=is-Sajf ta' San Martin.

# L-ILSIEN MALTI U L-GWERRA

Ħabib tiegħi dan l-aħħar kitibli: "*Il-lum mhux żmien li noqogħdu naħlu ħinna wara l-Ilsien Malti. Il-ħsieb ewlieni tagħna l-lum għandu jkun kif ser neqirdu darba għal dejjem l-egħdewwa li wassluna f'tiġrib tal-biża'.*" Fil-waqt li nilqa' bil-qalb il-fehma tal-ħabib tiegħi bħala l-fehma ta' wieħed li jixtieq jara l-Imperu Ingliż jirbaħ, ma nistax naqbel miegħu li, għax ninsabu fi żminijiet koroh, il-kawża tal-Lsien Malti għandna nqegħduha fil-ġenb. Dan qatt u qatt! Jekk nagħtu ħarsa lejn l-imgħoddi u nistudjaw il-ħajja letterarja, pulitka u soċjali f'pajjiżna naraw li, kemm-il darba nwarrbu l-Ilsien Malti, inkunu qegħdin nagħtu rebħa morali lill-egħdewwa. Wieħed mill-ħsebijiet ewlenin tagħna l-lum għandu jkun u jibqa': il-kobor ta' Lsien art twelidna, għaliex b'hekk inkunu diġa kissirna waħda mill-armi ħorox li nqdew bihom f'pajjiżna l-egħdewwa tagħna sa minn bosta snin ilu.

L-EDUKAZZJONI U L-MALTI

Il-'Għaqda' tagħna f'ittra li bagħtet lill-Onor. Dr. Alb. V. Laferla, O.B.E., LL.D., Direttur tat-Tagħlim, fissritlu l-ewwelnett ix-xewqa biex l-Ilsien Malti jibda jintgħallem fil-klassijiet kollha tal-Liċeo u ta' l-Iskejjel Sekondarji; it-tieni, biex iqawwi l-qalb u jagħti l-għajnuna li jista' lill-kittieba tagħna; u fl-aħħarnett biex fil-għażla tal-għalliema tal-Malti jieħu l-parir tal "Għaqda" li fiha tiġbor l-awtoritajiet l-aktar kumpetenti dwar l-Ilsien Malti. Din l-ittra qiegħda f'lokha ħafna, u nixtiequ li d-Direttur tat-Tagħlim, li hu wieħed miż-żewġ Presidenti tal-'Għaqda', jixtarrha u jagħti kasha sewwa. Ma nistgħux nifhmu kif fl-ewwel klassijiet tal-Liċeo l-Malti qatt ma ntgħallem. Aħna jidhrilna li mhijiex pulitka tajba dik li tifel li jkun tgħallem il-Malti mhux ħażin fl-Iskejjel elementari, malli jidħol il-Liċeo dak li jkun tgħallem jinsieh, għax ma jerġax jaqbad jitgħallem il-Malti ħlief meta jkun fir-raba' klassi. Mhix ħaġa iebsa li titla' sellum skala skala imma, minn naħa l-oħra, issib diffikultajiet kbar meta tiġi biex titla' erba' jew ħames skali f'daqqa.

INQAWWU QALB IL-KITTIEBA TAGĦNA

Ħaġa oħra laqtitna: l-għalliema tal-Malti. Aħna ma nistgħux nifhmu l-għala Dr. Alb. V. Laferla dejjem warrab lill-

aħjar kittieba tagħna. Ħadd aħjar minnhom ma jista' jgħallem l-Ilsien Malti u l-letteratura tiegħu. Għax, jeħtieġ nifhmuha, li t-tagħlim tal-Malti ma għandux ikun tagħlim ta' grammatka biss: hemm letteratura x'wieħed igħallem. U min jista' jgħallimha aħjar u aqwa minn dawk stess li qegħdin jaħdmu biex ikabbruha u jxerrduha? Minbarra dan tkun ħaġa f'lokha li fil-għażla tal-għalliema tal-Malti jittieħed il-parir ta' l-aqwa awtorità dwar Ilsienna: il-'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti'.

## IL-MALTI FL-UNIVERSITÀ

Fl-Università l-Malti miexi 'l quddiem ġmielu. Bil-ħila u bl-enerġija ta' Professur żagħżugħ Ilsienna ħa xejra ġdida għal kollox, u l-istudenti qed isibu li t-tagħlim tal-Malti għandu l-ġmiel, il-qawwa, u s-seħer li jiġbed, daqs it-tagħlim ta' ilsna oħra. It-tagħlim hu mqassam (a) letterarju (b) akkademiku. Il-'Ward ta' Qari Malti' (it-tielet ktieb), miġbur mill-Professuri P.P. Saydon u Ġ. Aquilina, 'Il-Fidwa tal-Bdiewa' ta' A. Cremona, 'Metrika Maltija, ta' K. Vassallo, 'Ħelsien' ta' Ġużè Bonnici, u l-'lectures', mibnija fuq sisien xjentifiki, li jhejji l-Professur in-nifsu, huma, fihom in-nfushom, matmura ta' tagħlim mill-aqwa.

## IL-MALTI FIL-'MATRIKOLA'

Il-Malti fl-eżami tal-Matrikola qiegħed, minn sena għal oħra, jogħla u jikber. Il-karti li qed jingħataw huma mibnija fuq (a) letteratura (b) fonetka (ċ) lingwistika, li, kif nistgħu naraw huma ta' interess ġenerali u ta' siwi kulturali. Minn hawn tiġi l-ħtieġa ta' tagħlim għoli fl-iskejjel elementari u sekundarji, u fil-Liċeo, u ta' surmastrijiet li jkollhom kultura tal-Isien Malti, surmastrijiet imrawma ġmielhom fil-letteratura tagħna, u li jafu xi ħaġa iżjed minn ortografija. Is-surmastrijiet tal-Malti ma għandhomx jintefgħu jgħallmu huma min huma, bħalma ma jintefgħux addoċċ is-surmastrijiet ta' ilsna oħra. Hemm bżonn xi awtorità kompetenti (bħalma, nerġgħu ngħidu, hi l-'Għaqda tal-Kittieba tal-Malti') li taf tgħid u tagħżel min jista' jgħallem il-Malti l-aħjar. Dan għidnieh għall-ġid u l-kobor ta' Lsienna.

****

# Min Int?

Rajtha, b'xagħarha mħabbel fuq spallejha
Fit-triq weħidha, tħares imbikkija,
Donnha qed tfittex 'il xi ħadd b'għajnejha:
It-triq kienet bla ħoss... ħemda waħxija.

Kellha ħarsa ta' biża'; fuq xufftejha
Karba ta' wġigħ, wil-qalb tħabbat qawwija,
U dmugħ ta' demm kien nieżel ma' ħaddejha;
Tħassartha, u għidt ġo qalbi: 'Din min hija?'

Kienet għajjiena: f'xatt il-baħar strieħet;
Il-mewġ kien aħrax jogħla w jaħbat magħha,
U nxteħet fl-art bħal bniedma mingħajr saħħa.

Ħsiebha ma seħħx (għaliex il-Paċi riedet)
U flokha sabet ġlied u mard bil-qtajja'.
Saqsejtha: 'Int min int?' Weġbitni: 'Il-Ħajja!'

Ġużè Chetcuti.

14/XI/'40

# Kampnar...

*The proud spire of Coventry Cathedral stood as a sentinel over the grim scene of destruction.*

Fil-waqt li l-ħajja kienet, bla ma tehda,
Miexja bħal xmara tul it-toroq wiesa',
Fil-waqt li x-xemx fost dawl u dija mriegħda,
Bħal waħda li mid-dinja qatgħet jiesha,

Kienet tistaħba wara d-djar u xxerred
Ħġejjeġ ta' ħmura fl-aħħar bewsa tagħha,
Minn sema miksi bl-ajruplani tferrgħet
Xita ta' nar li ġiebet il-mewt magħha.

Ħsejjes ta' qerda kullimkien ifaqqgħu,
Tiġrif bir-radam, in-nies fl-art, tiddewwa,
Twerżiq u krib ġejja mid-djar li twaqqgħu....
U fuq il-ħerba li ħallew l-egħdewwa

Bla ħjiel ta' biża', bħala għassies qalbieni,
Kampnar ta' knisja baqa' jsus, waħdieni.

16/XI/'40

Ġużè Chetcuti

# ĦAJJA BLA ĦAJR

Lippin Borg kellu xortih ħażina: kien għadu qarmuċ ta' tifel meta safa ltim minn missieru, u ommu ma kellhiex mnejn iżżommu fuq it-tagħlim; trabba fil-għaks u fil-għera; f'żgħużitu kien iġagħġagħ biex jaqla' xi ħabba; daqqa kien jagħmel xi erbat ijiem jiġbed il-minfaħ tal-ħaddied u xi drabi kien jidħol mal-mastrudaxxa jiżbogħ l-imgħażel u d-delgħat; kien tifel bieżel u ħawtiel u meta tfarfar daħal ma' ħajjat u baqa' miegħu sakemm ħa s-sengħa.

Imbagħad Lippin mititlu ommu u hu sab ruħu waħdu fid-dinja; ma kellu lil ħadd ma' min jiftaħ qalbu u ħass ruħu maqtugħ min-nies; biex ma jibqax waħdu bħal qasba tixxejjer mar-riħ, ħasibha li aħjar isib tifla sewwa u tal-għaqal ħalli jiżżewwiġha; u hekk għamel. Ftit wara għeluq is-sena fuq il-mewt ta' ommu, Lippin għammar dar għalih, dar ċkejkna u fqira, iżda mogħnija bil-barka u s-sliem u mseddqa bil-għożża u bl-imħabba ta' Lippin u martu.

Fil-kamra ta' quddiem Lippin fetaħ il-ħanut tiegħu ta' ħajjat; hu ma kellux ħanut bil-kif, iżda daqsxejn ta' kmajra mudlama u baxxa; quddiem il-bieb ta' barra, għad-dawl kienet minsuba magna tal-ħjata mill-orħos, mal-ħajt ta' wara kien hemm mejda tal-abjad b'fuqha kuxxinetti tal-labar, bċejjeċ tal-ġibs, kobob, u rkiekel, xama' għat-tidlik tal-ħajt, qasba tal-kejl u riga għat-tfassil mixħutin kif ġie ġie u mħalltin ma' skampli, ċraret u mostri, buttuni, krieket u ħjut. Xi żewġ figurini qodma u mitfijin kienu mdendlin mal-ħajt, u donnhom imfantsin għax kemm kienu ilhom hemm ħadd ma kien għażilhom bħala xempju tal-libsa li qata'; ftit siġġijiet bl-ixilka maħlulin, kienu mxerrdin 'l hawn u 'l hinn; sufan qadim u mqatta', bil-ħaxixa ħierġa minnu, kien fuq naħa waħda tal-kamra, filwaqt li fir-rokna ta' biswitu kienet imdendla purtiera kollha rqajja' biex warajha n-nies iġarrbu l-ilbiesi li jfassal Lippin. Mas-saqaf, f'nofs il-kamra kienet imdendla lampa kbira tal-pitrolju li qatt ma xegħlet, bil-paralum wiesa' donnu rota ta' karrettun; lampa tas-sieq kienet dejjem qiegħda fuq il-mejda ma' ġenb il-magna tal-ħjata u bil-pitrolju tagħha kienet għamlet roqgħa fuq il-għuda ta' taħtha; fuq ħarrieġa dejqa mal-ħajt kien hemm lampa oħra żgħira dejjem tnemnem quddiem xbiha ta' San Mikiel imdawwar b'ħafna santi mwaħħlin bejn il-ħġieġa u l-gwarniċ ta' l-inkwadru.

Għax Lippin kellu qima kbira lejn San Mikiel: hu kien Fratell fil-Kumpanija ta' San Mikiel, kif ukoll kien idoqq il-klarinett fil-Banda ta' San Mikiel tar-raħal u meta twelditlu l-ewwel tarbija, billi kienet tifla semmieha Kelina għall-qaddis li lejh hu kellu ġibda kbira.

Dan id-daqsxejn ta' ħajjat dejjem għex miġbur u fuq xogħlu, hu qatt ma sab ruħu f'xi tiġrib kbir u dejjem baqa' fil-bogħod mill-għawġ u t-taħwid. Minn fil-għodu kmieni, wara l-ewwel quddiesa, sa fil-għaxija, wara ta' l-imwiet, lil Lippin kont issibu fit-toqba ta' ħanut li kellu dejjem medhi fuq xogħlu, ifassal, ixellel, iraqqa', iħit, iġarrab, joftoq u jarġa' jxellel, subgħajh dejjem sejrin u saqajh dlonk jagħfsu fuq il-mirfes biex idawru l-magna tal-ħjata. Minn xi daqqiet min-naħa ta' ġewwa kien jinstama' leħen il-mara ta' Lippin tgħanni fil-waqt li tkun tqandel it-tarbija jew tgerger għax ma tlaħħaqx mal-ħtiġiet tad-dar, xi drabi araha wkoll ġejja b'xi skudella kafè sħun għal żewġha u meta tkun ħafifa mix-xogħol tad-dar mart Lippin kienet tagħti daqqa t'id lil żewġha fix-xogħol tiegħu billi tħit l-aċċetti, jew twaħħal il-buttuni, jew tgħaddi xi libsa ġdida qabel jeħodha sidha.

Hekk Lippin kien igħaddi ħajtu; flus kbar qatt ma qala', għax xogħol wisq ma kellux u l-erbgħa min-nies li kienu jħitu għandu kienu kollha tfal tax-xogħol li libsa jdumu jinqdew biha sakemm taqa' biċċa biċċa; hu kien iġebbed kif jista' u jgħix bit-tqanċiċ, iżda qatt ma għadab għal għajru jew seħet 'il xortih; kien dara jgħix ta' fqir u joqgħod lura meta jsib ruħu f'xi ġemgħa. Lippin qatt ma twebbel b'xejn, biss kellu għoqla f'qalbu, għax qatt ma kien seħħlu jilħaq Rettur tal-Kumpanija ta' San Mikiel, għalkemm kien ilu Fratell minn żgħużitu u kien iħabrek kemm jista' għall-festa tal-qaddis; qalbu kienet tingħasar meta jara Fratelli oħrajn għadhom kemm issieħbu fil-Kumpanija, jilħqu Retturi u jiddandnu bil-medalja fuq sidirhom fil-waqt li lilu qatt ma ħatruh għal xejn u fil-purċissjoni kien ikollu jitqanna jimxi minn ta' quddiem bix-xama' f'idu biss.

Hekk ukoll fil-każin tal-Banda, billi Lippin ma kellux mnejn iberbaq, jew jisqi lil sħabu jew iħalli flus fuq l-imwejjed tal-logħob, ħadd ma kien iqisu u meta jidħol fil-każin hu, qisu ma daħal ħadd; qatt ma ħadu l-fehma tiegħu fuq xejn, biss xi drabi kienu jlumuh għax jonqos għal xi kunċert.

Lippin kien iħoss li fid-dinja kollha, ħlief martu u bintu,

ħadd ma kien iqisu, imma b'daqshekk hu ma kienx jinkedd, kien xeħet il-ħrara ta' qalbu kollha fuq dawk iż-żewġ għeżież tiegħu u kien għamel f'moħħu li jgħix għalihom biss; fuq hekk mid-dar ftit kien joħroġ u mal-ħbieb kien jagħmilha mill-anqas. Ma' tul il-jum f'xi ħin ta' mistrieħ kien traku jaqbad 'il Kelina u joqgħod iqabbiżha fuq irkobbtu u fil-għaxija, wara l-ħidma tal jum, meta ma kienx iqatta' xi sagħtejn jitgħallem, jitħarreġ u jdoqq fuq il-klarinett biex ihejji ruħu għal xi kunċert, hu kien dejjem joqgħod jitliegħeb ma' dak l-anġlu ta' bintu. Lippin ma kienx jista' jagħtiha għall-ħala, iżda kull sena qatt ma naqas li fis-sajf ma ħax 'il martu u 'l bintu għal xi jum f'San Pawl-il-Baħar, l-aktar f'Ħadd-in-Nies, hekk ukoll nhar l-Imnarja huma kienu jterrqu fil-għodu kmieni mir-Rabat għall-Buskett.

Imma f'daqqa waħda niket kbir waqa' fuq Lippin: martu nxteħtet f'qiegħ ta' sodda u bdiet sejra lura, għaddiet mill-ħażin għall-agħar, imbagħad wasal jum ikrah fil-qieragħ tax-xitwa meta ġie l-Kappillan b'nofs tużżana qassisin miegħu u wasslu wara s-salib tal-parroċċa lil mart Lippin fiċ-ċimiterju tar-raħal.

Lippin ħass qalbu trid tinqasam bil-għali, xtaq kieku jibki u jolfoq imma l hemm u n-niket li waqgħu fuqu ħallewh bħal imbikkem u miblugħ. L-imsejken qatt ma kien ġarrab il-faraġ u l-hena tad-dinja, imma issa kellu jixrob l-aqwa mrar ta' ħajtu; l-imħabba ta' bintu biss żammitu marbut mal-ħajja u li ma kinetx il-għożża tagħha kieku hu kien jaqa' fi bruda li kienet twasslu sal-qabar.

Kelina issa kienet kibret u saret xbejba fl-aħjar tagħha, kellha ħlewwa li tgħaxxaq lil kull min iħares lejha; dak wiċċha ta' ġmiel bajdani kien imdawwal bl-indafa ta' qalbha u f'għajnejha kellha kisra li tixhed il-ħasra li għaddiet minn fuqha. Tifla ħorra u tal-għaqal, ħadd ma kien jista' jgħid fuqha eqqel minn isimha; hi kienet dejjem medhija fix-xogħol tad-dar u ħsiebha qatt ma ttajjar fuq xejn. Hi kienet iddur b'missierha bil-ħrara ta' qalbha kollha u lil Lippin dik l-imħabba ta' bintu kien iħossha bħal balzmu fuq qalbu.

* * *

Jum fost l-oħrajn, Lippin, kif kien fil-ħanut bil-qiegħda mitni wara l-magna tal-ħjata, jara dieħel ħdejh lil Ċensu tal-Mitħna. "Kif aħna Ċens? X'ġiebek hawn?"

Ċensu kien raġel bla sabar u ta' ftit kliem, imferfex u u dejjem imgħaġġel.

"Xtaqt ngħidlek kelma, Lippin."

"Jaqaw!"

"It-tifel t'oħti tħajjar għal bintek!" qal Ċensu b'ħeffa kbira, donnu kellu xi toqla fuq sidru u ried ifittex jeħles minnha bla dewmien.

Lippin bħal indehex u baqa' jħares lejn Ċensu, donnu bil-kemm ried jemmen dak li sama'. Lill-oħt Ċensu kien jafha r-raħal kollu bħala mara sewwa u tat-tajjeb; binha kien żagħżugħ bil-għaqal u jbigħ is-saħħa.

"Xi tgħid, Lippin?" ħettef Ċensu b'dehwa kbira, bħal bniedem li ma għandux sabar jistenna tweġiba.

Lippin infixel x'jibda jgħid.

"Jaqaw bin oħti mhux tifel sewwa? Ma jixirqilhiex lil bintek?"

"Jien ma għandi xi ngħid xejn fih" wieġeb Lippin fil-waqt li ħass bħal tferfira f'qalbu u żewġ demgħat ġelbnu fuq ħaddejh, l-imsejken f'ħin wieħed ħass ferħa kbira għax-xorti li messet lil bintu u għafsa ta' qalb għax baża' li jinfired minnha.

"Mela la ma għandek xi tgħid xejn, nista' ngħarraf lil oħti li kollox sewwa" żied Ċensu bil-ħatfa.

"Imma l-ewwel nisimgħu binti xi tgħid, għax hi tħoll jew torbot" qal Lippin.

Kelina ma kinetx taf xi tgħid. Malli tarrfulha kelma, hi saret ħamra nar, tbikkmet, xtaqet l-art tiblagħha u fl-aħħar inxteħtet fuq sider missierha tibki u tolfoq bħal tarbija.

L-għarusija għaddiet 'il quddiem u Kelina kienet bdiet taħseb għall-ġhież; ħafna xebbiet għeru għal bint Lippin għax il-għarus li sabet kien żagħżugħ donnu Paladin, imma ħadd ma sab x'igħid fuqha. Lippin kien iħoss hena kbir meta jġib quddiem għajnejh li bintu sa tinġabar tajjeb u b'għafsa ta' qalb kien ta' sikwit jaħseb kemm kienet tifraħ martu kieku kienet għadha ħajja.

Iż-żmien għaddej u jum it-tieġ dejjem joqrob, imma Lippin ma kienx iħoss ruħu hieni daqs kemm stenna li kellu jkun; ftit żmien qabel kien ħa riħ u baqa' ma jiflaħ xejn; sar ma jiflaħx għax-xogħol, beda jsir għarqan għal kull xejn,

naqaslu l-aptit u bdew jitilgħulu bħal fwawar, rasu bħal teqlet u beda jħoss dwejjaq f'sidru, imbagħad qabditu bħal tqaħqiħa li ma sata' jeħles minnha b'xejn, ġieh bħal tagħfis u tingiż f'sidru u beda jbati meta kien jaqbad idoqq il-klarinett; madankollu beda sejjer lura u bintu bdiet titħasseb għax kienet tarah mixrub u l-lewn ta' wiċċu mitfi.

* * *

Fl-aħħar Lippin ħasibha li aħjar ikellem Tabib: mar il-Berġa tar-raħal u sab it-Tabib tal-Gvern.

Lippin fetaħ qalbu u t-Tabib flieh sewwa: kixiflu sidru u dam ħafna jissamma' bit-tromba u jtaptaplu fuq dahru, fuq spallejh u fuq il-qafas ta' sidru, ġagħlu jisgħol, qallu biex jieħu nifs qawwi, imbagħad messlu l-polz, qagħad igħoddulu u ra kellux deni.

Meta spiċċa, t-Tabib ġabar xufftejh u kemmex ħuġbejh. Lippin qalbu għamlet tikk u bilkemm kellu ħila jistaqsi lit-Tabib x'jidhirlu; imma t-Tabib kien bniedem li jaf kif iġibha u bla tlaqliq iżda bil-ħlewwa u bil-għaqal,tkellem bla ħabi ma' Lippin, fiehmu li ħwejjeġ kbar kien għad ma għandux iżda wissieh biex joqgħod attent għax dak li kellu sata' jgħaddi għall-agħar. It-Tabib deherlu li Lippin kien maħsus f'sidru; il-marda kienet għadha fil-bidu tagħha, imma biex wieħed ikun jista' jilqgħalha aħjar, Lippin ħtieġlu jmur l-Isptar biex jeħdulu ritratt ta' sidru.

Lippin baqa' mbikkem; dik l-aħbar qatgħetu minn ġewwa u ħass bħal dehxa tiġrilu ma' ġismu kollu, imbagħad f'daqqa waħda waqgħet fuqu bħal ħedla u li t-Tabib ma għenux biex joqgħod bil-qiegħda, kien jistabat ma' l-art.

L-imsejken ġieb quddiem għajnejh lil Kelina u qalbu riedet tinqasam bil-hemm; qabel ma ħaseb f'saħħitu u fih innifsu hu ftakar f'bintu u għela għaliha; dik it-tifla issa qisha tilfet xortiha għax malli l-għarus tagħha jisma' bil-marda ta' missierha, kellu mnejn iħassar kollox u jitlaqha. In nies tar-raħal ma kienu jistkerrhu xejn daqs il-mard tas-sider, dak il-mard kien ikexkixhom u jġibilhom biża' kbir għax minn għalihom min jimrad b'sidru għalih ma kienx hemm tama u niesu kollha kienu jiċċappsu miegħu.

Lippin ħass rasu ddur, l-imsejken ma kienx jaf x'jibda jagħmel u jaħseb, imma t-Tabib fetaħlu għajnejh u fiehmu l-ħtieġa li jkun jaf sewwa x'għandu u sa fejn waslet il-marda;

jekk ir-ritratt juri li sider Lippin kien safi ma kienx hemm għalfejn wieħed joqgħod jinkedd, imma jekk kellu xi bidu ta' xi ħaġa hu sata' jtabbab u jfieq.

Lippin raġa' lura lejn id-dar qisu ras maqtugħa u fetaħ qalbu ma' bintu. Tifla oħra kellha mnejn taqbadha għaxwa jew tinfexx f'bikja kbira u flok ma tagħmel ħila lil missierha żżid tħawdu. Kelina mill-ewwel basret li dik il-marda ta' missierha setgħet titilfilha xortiha, imma hi ma qiset xejn u ħasbet biss fuq saħħet missierha, għalhekk għamlitlu l-ħila u baqgħet issus sakemm hu wegħidha li l-għada fil-għodu kellu jmur il-Isptar għar-ritratt ta' sidru ħalli jaraw sewwa x'kellu biex jagħmlu dak li kien meħtieġ.

Lippin u bintu għaddew lejl ta' niket u dwejjaq li ma bħalhom, huma ma għalqux għajn ma' għajn, imma baqgħu l-ħin kollu jaħsbu fuq xortihom il-ħażina. Kelina rat il-għarusija tagħha ttir mar-riħ u l-ħolm ħelu ta' żgħużitha jdub u jgħasfar qisu sħab ta' ġmiel imkeċċi minn riefnu ta' biża', imma l-aktar li għasrilha 'l qalbha kien il-ħsieb tal-marda ta' missierha. Lippin baqa' l-lejl kollu jhewden fuq il-biċċa li ġratlu; mitt darba għamel f'moħħu li fil-għodu ma jmurx l-Isptar biex ma juri lil ħadd bil-marda tiegħu ħalli ma jħassarx il-għarusija ta' bintu, iżda kull darba kien jiftakar fit-twissija tat-Tabib li jekk il-marda tidħollu 'l ġewwa hu kien jista' jċappas lil bintu. Lippin għaraf li ma kellux ħajt tal-kenn u l-imsejken ħass ruħu mgħaffeġ taħt il-qilla ħarxa ta' xortih. Biex tagħqad, Lippin u bintu anqas setgħu jieħdu nagħsa u jserrħu moħħhom fil-ħemda ta' dak il-lejl ta' swied il-qalb, għax fil-għaxija kienet ġriet mar-raħal ix-xniegħa li l-Italja daħlet fil-gwerra kontra tagħna u mbagħad ma' tul il-lejl kollu damu għaddejjin karrozzi tan-nar kbar bis-suldati li bil-ħsejjes tagħhom żammew lil kulħadd imqajjem.

* * *

Fil-għodu Lippin sebaħ b'uġigħ ta' ras qawwi u qam għajjien u mitbiel; ħa l-kafè daqskemm ħajritu bintu, imbagħad, fuq qalbu, telaq lejn l-Isptar; ħareġ mir-raħal u qabad it-triq tal-belt; hu kien sejjer waħdu bil-lajma, ħosbien u mbikkem, il-ħin kollu jtalla' u jniżżel fuq kif kien sa joħroġ għażlu; fit-telfa li kien fiha ma lemaħ 'il ħadd fit-triq u anqas wieġeb għat-tislim ta' xi erbat iħbieb li ltaqa' magħhom.

F'daqqa waħda nstama' daqq qawwi u tal-waħx; mir-raħal fil-qrib, il-għajjat tas-sirena beda ġej mewġ mewġ dejjem

jogħla fil-qawwa, dejjem iżid fil-kruha, donnu krib ta' xi ġliba rwieħ mitlufa, donnu tkarwit ta' xi taqliba ħarxa fis-sema; fl-ajru għaddiet bħal fewġa ta' biża' u l-ħolqien donnu waqaf imkexkex u mriegħed. Lippin inqata' u ġismu qam xewk xewk, riġlejh ħallewh u ħasshom jissammru ma' l-art, ħares ma' dwaru u fit-toroq u fl egħlieqi lemaħ ħafna nies jiġru, igħajtu u jferfru idejhom lejn is-sema. Lippin xtaq jagħmel bħalhom u jitlaq jiġri biex idabbar rasu x'imkien għall-kenn, iżda ħedla kbira waqgħet fuqu u bil-kemm felaħ jarfa' saqajh mill-art; hu qatt ma kien sab ruħu f'tiġrib bħal dak, tħawwad, infixel u ma kienx jaf x'jibda jagħmel jew fejn imur.

Madankollu l-għajjat tas-sirena kien għadu jinstama' jidwi u jriegħed f'dawk l-inħawi; l-agħsafar tnaffru u bdew jittajru 'l hawn u 'l hinn bla raj, l-annimali tgerrxu u daħlu f'qoxrithom, il-klieb libtu u bdew jingħu u jagħwu. Dak il-ħin għadda raġel jiġri kemm jiflaħ imwerwer u miblugħ bil-qatgħa, "L-ajruplani tal-għadu! Ġejjin l-ajruplani tal-għadu!" għajjat meta wasal ma' ġenb Lippin u baqa' sejjer qisu mbellah.

Issa s-sirena kienet siktet u waqgħu ħemda tal-biża' u skiet tal-waħx; il-ħolqien kien donnu qiegħed jistenna tiġri xi ħaġa tat-tregħid, ukoll il-fewġa ħelwa ta' fil-għodu donnha raqdet u x-xemx għabet wara sħaba sewda. Fis-sema beda jinstama' bħal twerdin għall-ewwel irqiq, imbagħad aħrax u qawwi li jidħol fir-ras u jkessaħ il-qalb, fil-għoli nħasset bħal tqanqila ta' ħerba u minn fuq wiċċ l-art għaddiet bħal żiffa mċaqalqa minn ġwienaħ il-mewt.

F'leħħa ta' berqa nstama' tfaqqigħ ta' bombi li riegħdu d-dinja, għall-ewwel bdew ifaqqgħu waħda wara l-oħra, imbagħad ħadu kollha f'daqqa; l-art bdiet titriegħed u taqbeż mad-damdim tal-ħsejjes u riħ sħun beda jtir ma' kull tfaqqiegħa; mis-sema bdew jinżlu bħal ħsejjes ta' tħaxwix u żarżir li malli jaħbtu ma' l-art jiftħu ilsna tan-nar u jtajru ġebel u ħamrija u trab; l-ajru mtela bid-dħaħen u l-art inksiet bi sħab ta' trabijiet.

Lippin kien tħaxken kif sata' taħt ħajt u rtass għall-kenn tiegħu; hu kien mitluf bil-biża', ħass il-mewt riesqa fuqu, qabad idejh f'xulxin f'għafsa ta' wieħed ħierġa ruħu, bexxaq fommu u beda jtemtem l-Att tal-Indiema. F'daqqa waħda Lippin sama' tisfira qawwija li ħassha dieħla f'qalbu u minnufih ftit bogħod minnu faqqgħet bomba li regħdet id-dinja u kull ma kien hemm fil-qrib iġġarraf, tkisser, tħarbat u nqered.

* * *

Wara li għadda l-attakk mill-ajru, mita waslu dawk ta' l-ewwel għajnuna sabu 'l Lippin mirdum taħt il-ġebel tal-ħajt li ġarrfet il-bomba, sabuh mgħattan u mgħaffeġ, imma fuq fommu kellu bħal tbissima ta' hena. Tgħid qabel ruħu ħarġet Lippin kien intebaħ li dik il-mewt tiegħu kienet ħelset lil bintu minn kull tebgħa ta' mard u hekk warrbet kull xkiel għall-hena tagħha?

Ġużè Galea.

# Imħabba ta' Omm

Imsejkna Rita x'kellha tara f'ħajjitha! In-nies tar-raħal kienu jsejħulha "il-Miġnuna", għax tabilħaqq hekk kienet. Iżda Rita, għalkemm miġnuna, kienet hekk twajba u ġwejda li lanqas biss it-tfal żgħar ma kienu jaħarbuha meta jiltaqgħu magħha għaddejja.

L-imsejkna Rita bil-kemm kellha tletin sena; imma, għalkemm il-ħarsa t'għajnejha u l-bixra ta' ġisimha kienu juruk li tilfet rasha, il-lewn frisk u sabiħ ta' wiċċha kien jurik li kienet tgħix bil-qies f'kollox.

Rita, meta kellha sittax-il sena, iżżewġet ma' Pawlu l-mastrudaxxa tar-raħal. L-ewwel tarbija li kellhom semmewha Toninu; li twieldu wara, mietu l-koll. Għalhekk Rita u Pawlu lil Toninu kienu jgħożżuh daqs dawl għajnejhom u kienu jħossu ruħhom imkabbrin bih meta kienu jarawh fuq ruħu u, f'ħin wieħed, twajjeb. U tabilħaqq; Toninu kien donnu anġlu tas-sema; għajnejh suwed tuta bħal xagħru nnukklat mimli; żewġ wardiet bojod u ħomor fuq wiċċu tond-qawwi; dejjem daħkani u lest biex jisma' t-twissijiet ta' ommu. Imma l-iktar li kien jisraqlek qalbek, Toninu, kien ikun f'jum il-Ħdud u l-btajjel meta ommu kienet tlibbsu l-iktar libsa sabiħa u tieħdu magħha l-knisja għall-quddies u għat-tagħlim tal-katakiżmu. Meta t-tfal sħabu ma kinux jafu jwieġbu għall-mistoqsijiet li kien jagħmlilhom il-kappillan, kien ikun Toninu li jwieġeb minflokhom bla ma qatt jiżbalja waħda; talb, imbagħad, kien jaf ftit inqas mill-kappillan in-nifsu. Għalhekk mhux ta' b'xejn Dun Ġrezz kien iħobb u jfaħħar fil-beraħ liċ-ċkejken Toninu.

Rita u Pawlu, meta kienu jaraw dan kollu, qalbhom kienet taqbeż bil-ferħ, u, għalkemm fqar, kienu qishom għandhom il-ġid tad-dinja kollha.

Imma, jaħasra, kemm jiżbaljaha l-bniedem fid-dinja! Kemm jistgħu jdumu l-ferħ u l-hena ta' din l-art? Alla, kull meta jagħtina xrara waħda biss mill-kobor ta' bla qies tiegħu, ikun irid jurina mħabbtu; imma, f'ħin wieħed, ifakkarna wkoll li l-ferħ u l-hena dewwemija ma jingħatawx ħlief fis-Sema.

Toninu kien għadu kif għalaq ħdax-il sena; kien wasal biex jispiċċa l-iskola tar-raħal. Ommu u missieru, flimkien mal-kappillan, kienu diġa bdew jitkellmu bejniethom jekk kellhomx igħallmuh is-sengħa jew jibagħtuh f'xi skola l-Belt biex ikompli għal qassis, għax Toninu kien tabilħaqq rasu tajba u mogħti wisq għall-knisja.

Iżda, nerġa' ntenni, kemm tabilħaqq jitqarraq il-bniedem fil-ħsibijiet ta' moħħu! Kien ix-xahar ta' Mejju, xahar li jagħti l-ħajja lill-ħolqien, iferraħ 'l għasafar u jlibbes is-siġar bil-ward u l-weraq. Ma' tul dan ix-xahar kollu, Toninu, ta' kuljum, kien jaqta' l-qronfol imżewwaq mill-qsari ta' fuq iċ-ċint tas-setaħ u jqegħidhom fit-tazza, b'qima kbira, quddiem il-Madonna ta' l-altar ċkejken tiegħu. Kien l-aħħar tax-xahar sewwa, u billi dak in-nhar inzertat btala, Toninu ried jagħmel l-isbaħ bukkett lill-Madonna ta' Mejju. Għalhekk, għall-ħabta tat-tmienja, Toninu joħroġ mid-dar u jiġbed għal fuq ix-xagħri, xi siegħa bogħod, fejn darba kien mar ma' missieru għall-insib ta' l-għasafar.

Imma għax tgħidu? Il-qalb donnha teħber! Toninu, f'dik il-għodwa, darbtejn raġa' lura ftit mifxul u ħosbien. "Xinhu dan tiegħu"—qalet f'qalbha Rita—"miniex naraħ sewwa lit-tifel". Toninu lemaħha 'l ommu tħares lejh ċassa. "Ma", qalilha bil-għaġla, "il-lum irrid nagħmel bukkett ward lill-Madonna tiegħi li inti qatt ma rajt bħalu", u telaq.

Saru l-ħdax, ħin l-ikel, u t-tifel għadu ma ġiex lura; daqq nofs in-nhar, u l-omm għadha tistenna. Wara ftit, Rita, bdiet tħoss diqa ta' qalb li ma setgħetx iżżomm aktar; ħarġet mid-dar b'ġirja u marret għand il-ġara ħabiba tagħha. Riedet kieku Rita turiha l-għoqla ta' qalbha, imma ma felħitx tlissen kelma. F'daqqa waħda, l-imsejkna Rita, miblugħa u mifxula, tħalli lill-ġara u tmur għand Dun Grezz bit-tama li ssib lil binha għandu. Iżda l-qaddejja minn taħt il-lsien u minn bejn il-bibien tat-tieqa, qaltilha li l-kappillan ma kienx hemm; ġew għalih u ħareġ b'ġirja.

X'ġara? In-nisa bdew jinġabru bla ma ħadd minnhom jissogra jersaq lejn Rita. Fost it-tpespis ta' dawka, Rita

semgħet l-isem ta' binha; f'daqqa waħda, bħal milquta minn sajjetta, waqgħet fl-art kobba mitlufa minn sensiha. Imsejkna Rita!

Toninu, fil-waqt li kien ġej lura lejn id-dar b'bukkett ward li jgħaxxaq, jilmaħ ġilju selvaġġ abjad ħalib għad-dell ta' żewġ blatiet kbar li kienu jagħtu għal fuq il-wied ta' taħthom. It-tifel imsaħħar mill-ġmiel ta' dik il-warda: "Inġibha"—qal—"u tara ommi kemm tifraħ biha!". Kemm ili ngħidlek, Toninu jitlaq fl-art il-bukkett u jerħilha għal fuq il-blata. Ixxabbat, tala', niżel; iżda, kif medd riġlejh fuq xifer il-blata l-oħra, fil-waqt li sa jagħti s-salt għall-ġilju, tqaċċtet il-blata ta' idu u l-imsejken tgerbeb għar-rdum ta' taħtu. Rasu tfarrket, ġismu sar trietaq, hekk li wieħed mill-ħaddiema li rawh jaqa', kellu jkebbu ġewwa xkora biex iwasslu sa l-għassa tal-pulizija tar-raħal.

Pawlu l-mastrudaxxa, meta sema' bil-mewt kerha ta' ibnu, beka u għela; iżda, bil-ftit il-ftit, issabbar u ħa kollox minn idejn Alla. Imma mhux hekk għamlet martu; id-dmugħ ma qatax għal ħin wieħed biss minn għajnejha; kompliet tagħli sa ma ġġennet. Bdiet ta' kuljum tiġġerra mat-toroq tfittex u tistaqsi għal Toni tagħha. Mhux l-ewwel darba li qabdet it-tfal tbushom u tgħannaqhom ma' ħdanha. Kien fiha ħasra! Xi drabi kienet tgħid li tisma' lil binha jsejħilha u jċanfarha talli kienet tħallih waħdu ġewwa dak il-ħondoq; hi wegħditu li tmur ħdejh u tagħtih kull għajnuna. L-imsejken Pawlu ma satax ifehimha li dak kien taħwid ta' rasha u li Toninu kien il-Ġenna; l-anqas ma sata' jindokraha l-jum kollu.

Għodwa waħda, Rita dehrilha tisma' lil binha jsejħilha iktar bil-qawwi u bill-ħniena. Qamet bl-inkiss inkiss; ħarġet mid-dar u ġibdet għan-naħa mnejn kien ġej il-leħen. Kif waslet fuq xifer il-blat għoli ttawlet għal isfel; leħħa ta' dawl farrġitilha qalbha: donnha rat lil binha jħares lejha.

"Toninu..."—sejħitlu minn dak il-għoli.

"Ma...; Ma..."—dehrilha jweġibha t-tifel.

"Tibżax ibni, ġejja ħdejk"—qaltlu.

"Ejja la ddumx,..." u kif dehrilha li semgħet din l-aħħar kelma, tieħu salt qawwi għal isfel u marret għal dejjem ħdejn binha l-Ġenna.

P. Pawl Tabone o.f.m.

# B'tifkira ta' oħti Ġużeppina

## li mietet fl-ewwel ta' Novembru 1940

B'GĦAJNEJHA MSAMMRA FUQ ĠESÚ MSALLAB
B'ISMU JITRIEGĦED FUQ XUFFTEJHA MBEXXQA
IMDAWRA B'ĦUTHA L-EGĦŻIEZ
U BIS-SORIJIET TWAJBA
MAGĦQUDIN KOLLHA F'TALBA WAĦDA
RADDET RUĦHA LIL ALLA
IX-XEBBA

**ĠUŻEPPINA SAYDON**

FI DĦUL GĦID L-IMWIET
BIEX TISSIEĦEB MAL-ERWIEĦ QADDISA
U MAGĦHOM TIEĦU L-ĦLAS TA' DEJJEM
TA' QALB SAFJA
TA' ĦEDMA MĦEĠĠA
TA' MĦABBA MĠARRBA BL-EĦREX TBATIJA

---

F'NOFS IL-MIXJA TA' ĦAJTEK
BĦAL MIN JIEQAF GĦAJJIEN
WAQAFT
OĦTI L-GĦAŻIZA
GĦALXEJN RIDT LI NIBQGĦU MEXJIN FLIMKIEN
GĦALXEJN TLABTEK MA TĦALLINIX WAĦDI
AKTAR MILLI ĦABBEJTEK JIEN
ĦABBEK IS-SEMA
LI MIN-NIKET U MID-DMUGĦ
TA' DID-DINJA ĦARĠEK
U DAĦĦLEK
FEJN UĠIGĦ MA JAĦQAR
FEJN DMUGĦ MA JIĠRI
IMMA L-ĦENA BISS ISALTAN
F'GĦAQDA TA' MĦABBA BLA TMIEM

P.P. SAYDON

# IŻDA

*Għanja lil Ġesù fl-Ewkaristija*

Kont sabiħ, Ġesù, kont ħelu
Meta f'belt minn tal-Lhudija,
Minn omm xebba, f'lejla kiesħa
Alla ħaj, twelidt tarbija:

Iżda l-għaġeb li sar f'Betlem
Għadu jsir fuq l-artal tagħna
Fejn titwieled f'Ostja ċkejkna
Biex sa l-aħħar tibqa' magħna.

Kont ħanin, Ġesù, kont tajjeb
Meta t-tfal kont tgħannaq miegħek
U tberikhom, u tħennihom
B'dak il-ħajr tal-kelma tiegħek:

Iżda l-ħlewwa li kont turi
Ma' l-itfal turiha magħna
Meta moħbi f'Ostja ċkejkna
Tiġi tgħannaq lir-ruħ tagħna.

U kont kbir, Ġesù, f'imħabbtek
Meta msallab mingħajr ħtija
Tlabt il-maħfra għal min sallbek
Bl-oħla kelma tal-mgħodrija:

Iżda n-nar ta' dik l-imħabba
Għadu jħeġġeġ biex jifdina
Fuq l-Artal imqaddes tiegħek
Fejn kulljum Int tmut għalina.

Dun Karm

8/X/'40

# Arloġġ żgħir u ġrajjietu.

Wasalt hawn Malta f'nofs ix-xahar ta' Ottubru wara safra ta' kemm-il sena; ma kontx għadni naf nitkellem bil-Malti sewwa u għalhekk kont aktar naħrab it-tisħib milli nfittxu, u sibt ruħi bħal għarib ġewwa art twelidi.

Ftit wara li wasalt, jiġifieri fl-aħħar Ħadd tax-xahar li għedna, kien il-Għid ta' Kristu Sultan, u fraħt wisq li kont sa nara l-ewwel darba dik il-ħafla(1) kbira, li kont qrajt kemm-il darba fuqha. Għalhekk f'xi s-sagħtejn wara nofs in-nhar tlajt fuq Kastilja, fejn kien hemm miġmugħa għadd kbir ta' nies bi bnadar u egħlimiet ta' bosta xorta.

Bdiet miexja l-ġilwa. Għaddew l-ewwel għadd kbir ta' subien b'mixi meqjus, b'libsiet ġindija (2), imbagħad irġiel bi bnadar u egħlimiet tax-xirkiet tagħhom, u dammiet ta' ward ta' kull lewn u sura; imbagħad qassisin u rhieb, u 'l hawn u 'lhemm, fost il-ġilwa, daqqaqa jdoqqu, u n-nies tgħanni għana ta' qdusija mad-daqq tagħhom.

Tul dal-ħin jien kont wieqaf, medhi; nixrob b'għajnejja d-dehriet, u b'widnejja l-ilħna, li kienu kollha ġodda għalija.

Kif kont hekk sehwien inħares, xi ħadd li kien ma' ġenbi, intafa' n-naħa tiegħi, u rifisli, b'kagħbu (3) iebes, sebgħi ż-żgħir ta' riġli l-lemenija. Jaħasra! f'dak is-saba' sewwa kelli safra (4), u ma nafx infisser l-uġigħ kbir li ħassejt b'dik ir-rifsa! Ħassejt sebgħi bħal maqbud bejn żewġ sinniet ta' klibtejn (5) mikwija, u ridt kieku, imma le stajt għal kollox, naħbi l-weġgħa.

Kif kont immejjel ftit b'idi fuq qasbet sieqi, nisma' leħen xi ħadd ikellimni bil-ħniena: "Kemm jisgħobbija li rfistek!" qalli: "Mhux għax ridt jien, jaħasra. Jidher li waġġajtek sewwa!" Ħarest 'il fuq biex nara min kellimni u nsib li kienet xebba l-ġmiel ta' ġmielha.

Bint tar-raħal, bil-għonnella, qsajra u mgħakkna, wiċċha ħamrani u għajnejha suwed taħt ħuġbejn sufin qawsija, imnieħer imdaqqas u xuftejn ħxajnin, qrollija.

"X'ġara, Ġen?" saqsa xi ħadd lix-xebba.

"Irfist lil dan ta' ma' ġenbi, issa x'ħin in-nies tefgħatna. Waġġajtu jaħasra! Bil-kemm jista' jżomm bil-wieqfa."

---

(1) Sollennità, funzjoni. (2) Uniformijiet.

(3) Il-warrani ta' qiegħ ir-riġel, li ngħidulu ħażin "għarqub". Il-għarqub huwa dik il-qarquċa li titla' minn fuq il-kagħab, bejn iż-żewġ egħkiesi tas-sieq.

(4) Kallu. (5) Tnalja.

Ma' dal-kliem, minn wara x-xebba jiġi raġel għal ħdejja, smin, żaqqu kbira, wiċċu mfaqqa' b'libsa griża u kappell tar-ross ġe' rasu; subgħajh bil-ħwietem, u b'sinsla ħoxna tad-deheb mill-but għall-għollieqa,u mill-għollieqa għall-but l-ieħor tas-sidrija. Qabadni minn idi, u "Idħol hawn f'dal-ħanut", amarni. "Ejja int ukoll, Ġen!" qal lix-xebba.

Dħalt ingħarraġ (6), u tlajna fil-mistar jew *Private Room*, u qgħadna bil-qiegħda. "Għandek xi safra f'subgħajk!" qalli jħares lejja, u jien tbissimt u ħarrekt rasi b'egħliem ta' iwa. "Jiena wkoll inbati bihom. Għandi waħda hawn f'sidret riġli donnha mħara! X'sa tixrob? Jien sa nieħu daqsxejn mastka," raġa' qalli.

"Nieħu daqsxejn mastka jien ukoll", weġibtu.

"Ġib tlieta mastka, fejnu", amar lil qaddej, donnu sid il-kera.

Domna hemmhekk nitħaddtu qisna xi nofs siegħa; għad li żorr fi kliemu, dak l-oħxon, intbaħt li kellu qalbu tajba. U x'ħabta kellu jdaħħal ix-xebba fit-taħdita. "Hux tassew Ġen?" isaqsiha hu u jitħaddet fuq xogħlu, fuq id-dar u fuq il-ġnien tiegħu.

Qalli fejn joqgħod, il-Mosta, u stedinni biex immur sa għandhom il-Ħadd ta' wara.

* * *

La tajtu l-kelma lil dak l-oħxon, kelli nitqanna u mmur insibu. Mort wara nofs in-nhar u bqajt miegħu sa fil-għaxija.

Fis-sigħat li domt hemm għandu, ma għidtx aktar minn tnax-il kelma. Urieni kull ma kellu: guvi bil-kanari, bejtiet tal-ħamiem; fniek, tiġieġ, dundjani, u mbagħad il-ġnien bis-siġar tal-larinġ u tal-lumi, u qalli l-ġrajja tagħhom kollha, siġra b'siġra. Ġenja, l-biċċa l-kbira taż-żmien baqgħet ma' ġenbna, tisma' t-taħdit bla heda ta' għammha (għax għaraft li kien ħu missierha) u drabi tħares lejja minn warajh u tit-bissimli.

"Kemm hi tifla tajba dix-xebba!" għidtlu kif sibt ruħi waħdi miegħu, "Sur Viċens, għandek ġawhra moħbija!"

"Għoġbitek!" qalli daħkani. "Mhux lilek biss għoġbot, taf! kemm għożżieb bagħtu joħtbuha! Uħud minnhom tat-tajjeb sewwa. Imbierka! waħħlitha f'rasha li ma tridx tiż-żewweġ. Jien aktar nixtieq naraha miġbura. X'tagħmel jekk

(6) Inzappap.

niġi nieqes jiena, tifla ltima? Inti donnok għoġobtha. Dik ir-rifsa li rifsitlek sieqek ħawditha. Il-ġimgħa kollha thewden fuqek. X'naf kieku nsemmilha xi ħaġa, jekk għamilt xi ħajra għaliha. Tgħodd għalik. Għandha tmienja u għoxrin sena, u int milli tidher, għandek xi ħaġa fuq it-tletin. Tridx intarrfilha kelma?"

Ħassejt il-ħmura tielgħa għal wiċċi, "Għandek qalb iċ-ċajt, Sur Viċens," għidtlu bil-mistħija.

"Ċajt xejn! Ċajt għal daqshekk? Kif sibna d-dinja nħalluha. Ma żżewwiġtx jien imħabba f'dik it-tifla, bint ħija. Bżajt li tinħaqarli. Jien hekk magħmul: aħjar inbati jien jew nara min ibati. Naf li n-nisa barranin ma jitħâmlux ġewwa dar waħda. Insemmilek kemm trid; mhux waħda jew tnejn, imma għoxrin u mija. Mhux darba u tnejn sar il-qtil fuq daqshekk. Xi tgħidli mela? Trid intarrfilha kelma?" qalli bla ma qata'.

"La darba kif qiegħed tgħid int, tarrfilha!" għidtlu. U bla ma ħallejtu jarġa' jibda r-raddiena, rajt x'ħin kien, u "Aħjar naħseb nitlaq, sur Viċens" għidtlu.

Dak il-ħin daħlet Ġenja. Ħadt ħatirhom (7) it-tnejn u tlaqt il-barra.

* * *

Kienu għaddew tmien xhur sewwa minn din iż-żjara. Is-sur Viċens kien semma lil Ġenja dak li qalli li kellu jsemmilha, u tajna l-kelma 'l xulxin, u ma' tul dawn it-tmien xhur qatt ma nqast ġimgħa li ma mmurx inżurhom żjara.

Għall-ewwel ta' Lulju, mela, tas-sena ta' wara, minn fejn kont naħdem, messni nieħu tmint ijiem btala. Dawn it-tmint ijiem qtajt li mmur inqattagħhom Għawdex, għax nistħi ngħid, li għomri kollu Għawdex ma kont mort qatt. Awl il-lejl li kelli nitlaq hejjejt kull ma kelli ħtieġa, sarrejt kollox f'xanta (8) żgħira, u l-għada fil-għodu rkibt il-karrozza tal-Marfa u tlaqt biha. Kif konna għaddejjin minn Birkirkara daħħalt idi fil-but biex nara x'ħin kien. Ħadt dehxa: l-arloġġ ma kienx hemm; kont insejtu warajja!

Minn għajr arloġġ għal ġimgħa btala. L-arloġġ, li n-nhar kollu bih f'idejja! Tgħid kien hemm xi arluġġar Għawdex biex nixtri ieħor? Anqas ma kont naf.

Ftit wara wasalna l-Mosta, u ftit 'il hemm minn dar għamm Ġenja, il-karozza waqfet biex ittalla' xi tnejn min-nies. "Xbin!'

(7) Tajthom l-Addiju. (8) Bagalja.

għajjatt lil tal-karrozza, "Isbirli nasal sa dak il-bieb, nagħti tislija!" u bla ma stennejt tweġiba, tlaqt ġirja lejn bieb Ġenja li kien miftuħ.

"Ġen!" ħabbartha bil-għaġla, "sejjer Għawdex kif kien għenelli, imma ntbaħt b'saram kif kont fi-triq. Insejt nieħu l-arloġġ, u ġejt mingħajru. Kieku jaħasra tislifni ġimgħa tiegħek!"

"Ħudu!" qaltli kif ħallitu minn idha. "F'ħajjietek" għidtilha jiena. "Ma nistax indum inkellmek. Hemm ara l-karozza tistenna. Wara ġimgħa narak. B'ħatrek (9), Ġenja!" għidtilha kif ħadtilha b'idha.

"Mur bis-sliema!" qaltli mbissma, u jien tlaqt niġri lejn il-karozza, li kif irkibt fiha, mxiet. Xejjirt b'idi lil Ġenja li baqgħet fil-bieb tħares lejja sa għebt.

* * *

Għawdex ma qgħadtx il-ġimgħa kollha għax hemmhekk ħbieb ma kellix, u waħdi waħdi ħassejtni għamilt f'qalbi. Fil-għodu kont ngħaddi biċċa ħin sewwa f'xi knisja, u biċċa f'dak il-ġnien ir-Rabat, li jgħidulu l-Mall; fil-għaxija kont aktarx ninżel sa Marsalforn, ngħum xi għuma.

Wara ħamest ijiem, mela, irġajt lejn Malta, u qtajt li, bdiel ma ntemm triqti lejn il-Belt, ninżel il-Mosta inrodd l-arloġġ lil Ġenja, u nkellimha ftit.

Kont għadni fil-karrozza, u stagħġibt nara l-lbieb u t-twieqi tagħhom magħluqa. Inżilt u ħabbatt il-bieb.

"M'hemmx nies!" qaltli waħda ġara.

"Fejnhom tgħid?" saqsejtha jiena.

"Ix-xebba mietet, u s-sur Viċens telaq l-isfel. Aktarx mar għand ħuh, l-Isla".

"Kif mietet?!" saqsejt mibluh jiena; "nhar it-Tnejn fil-għodu ma kellha xejn; kont hawn jien u rajtha b'għajnejja!"

"U dak in-nhar fil-għaxija ħaslet rasha bl-ilma kiesaħ u ħadet ċmajra. L-għada kienet ġot-tebut, u l-Erbgħa fil-għodu difnuha!"

* * *

X'għamilt minn dak in-nhar 'l hawn ma noqgħodx ingħidu. Biss ngħid li dan li Ġenja mietet, ma tistax tidħolli f'rasi. Fejn nara xebbiet bil-għonnella, immur inħares lejhom,

(9) Addiju.

nara Ġenja hix waħda minnhom. U l-arloġġ tagħha għadu fuq għekset idi, u hemm jibqa', sa kemm jew hi tarġa' fid-dinja, jew jien immur il-qabar bħalha.

* * *

Din hi mela l-ġrajja tal-arloġġ iż-żgħir ta' f'idi. U ktibtha hawnhekka biex dawk il-ħbieb li jarawhuli ma joqogħdux iġedduli s-sogħba, u jsaqsuni din x'biċċa hija.

L. CUTAJAR

# It-Triq tal-Ħelsien

Imxi ma' tul il-ħajja taħt it-toqol
Tas-salib.
Qatt taqta' qalbek meta d-dmugħ tan-niket
Tilmaħ qrib.
Ibki b'ruħek muġugħa,
Fil-biki hemm is-serħ,
Għax xħin kull għomma tgħaddi
Jixgħel id-dawl ta' ferħ,
Tixxettel fik il-ħeġġa, u t-tislima
Ta' ħajr u mħabba tbusek bl-ogħna qima.

Jekk qatt tiltaqa' tul il-medda twila
Ma' l-għawġ, nissiel tal-hemm,
Jekk qatt toħlom sigħat ta' riżq, u flokhom
Issib mibegħda u semm,
Tibżax, ħabib; rabbi l-egħruq tas-saħħa,
Orbot qalbek mat-tama, ħa sserraħha:
Fis-sema jiddu l-kwiekeb fil-għaxija,
Fid-dlam ta' ħajtek tixgħel triq bid-dija,
It-triq tal-ħelsien
Miksuba maż-żmien
Bil-għeja u t-taħbit
Bin-niket imqit;
Dwal fiha ferrieħa, kull lewn u sabiħa;
Tal-ħsara bla dliel,
Mogħnija b'kull ġmiel.

Imxi, ħabib, f'dal-baħar tal-ħolqien,
Tul it-triq tal-ħelsien.

6/11/39 ĠUŻE CHETCUTI

# San Kalċidonju, Għawdex

Xi ħlewwa hawn quddiemi!
  oh! x'seħer ta' naħiet!
Hawn sewwa sew jissejjaħ
  is-saltna tal-għoljiet!
Għammar u ta' Għajn Ilma,
  Ġelmus u tal-Ġurdan:
bejniethom firxa wiesgħa
  ta' raba' u ta' ħitan!

Ta' Kerċem raħal ċkejken
  jixxabbat mal-widien;
ħarrub, u tin, u bajtar
  iħaddru kullimkien;
fil-bogħ'd ta' Pinu l-loġoġ
  iġorru l-ilma bnin;
u 'l hawn u 'l hemm xi mitħna
  bl-antinni bajdanin!

Inħossni ġo presepju,
  u jiena pastur żgħir;
nitħajjar illi nofroq
  il-mewġ fiddien tax-xgħir,
u ninżel lejn ix-Xlendi,
  imwieżen fuq masluġ,
infittex qalb is-siġar
  tal-qasab u ż-żebbuġ,

Ġewwa xi għar xehbieni,
  imkennen ġewwa l-wied,
Tarbija ġo maxtura
  bil-ħlewwa tal-Milied:
madwarha qatgħa kiebja
  ta' r'għajja ferħanin
imellsu merħla bajda
  ta' ngħaġ u ħrief twajbin.

A. Buttigieg

2/5/40.

# EĦLISNA MULEJ!

*Ne averte faciem tuam a me: * ne declines in ira a servo tuo.* (Salm XXVI, 14)

*Et exaudivit preces meas * et eduxit me de lacu miseriae et de luto fallis.* (Salm XXXIV, 2.)

Tlewwimna bejnietna, Mulej * tqatilna, ġġilidna għatxana għad-demm.

Tbhejjimna w għab deh'nna * u bl-għamad miexja fit-triq imwiegħra.

Xtered demm l-aħwa w tħallat mat-trab * wil-bniedem qatel 'il-bniedem u għaffġu taħt riġlu.

Ġens xewlaħ 'il ieħor ma' l-art * ma riedx jaf bi ħniena w issokta għaksu w ħaqru.

L-Imħabba ħarbet minn fejnna * wil-mibegħda ħadet imkienha biex saltnet fi qlubna.

L-għodda qerrieda tittajjar fil-beraħ * inbagħtet fuq blietna, l-għaraq ta' ġbinna.

Mhux ilma fiddieni, il-ħajja ta' l-art * biex inibbet ix-xtejla u jxarrab is-siġra;

Mhux nida għodwija, l-anqas għabxija * ma niżlet minn sema l-Mulej.

Ħadid iebes u jaħraq niżel * u nirien waqgħu fuq djarna u l-oqsma tagħna.

Inżergħet il-qirda * u nibet il-hemm.

Kemm twajba, kemm ħżiena batew * ħadd bla mittiefes ma baqa'.

Il-għani wil-fqir * tħalltu ġol-knien.

Djarna ġġarrfu, għaraqna u demmna * u saru ħerba w braġ tal-ġebel u t-trab.

Twaħħdu l-għamajjar ma' ġebel id-djar * xejn ħlief ħatab ma fadal;

Ma jilqgħux aktar fi ħdanhom * il-missier u l-omm imdawra b'uliedhom daħkana.

Għax dawn ukoll mietu * radamhom taħtu l-ġebel kiesaħ u tqil.

Iddemmet il-qiegħa ta' djarhom * għax demmhom ġera ma' kullimkien.

Baqbaq dak id-demm aħmar * għelm ta' mħabba li kienet darba.

Hemm id-dar qiegħda tgħid ġrajja tal-biża' * u fiha midfuna l-imħabba li kennet darba.

U bagħtu l-ġnus l-aħjar żgħażagħ minn tagħhom * biex jitqabdu u jiġġieldu ma' ħuthom.

Kollhom qlubija marru daż-żgħażagħ * b'ħeġġa w b'qlubija ssieltu w demmhom ċarċru.

Twaħħad mal-ilma tax-xmajjar, mar-ramel tax-xagħri, massafa tal-beraħ * dak demmhom li jagħli bl-imħabba.

Bla ruħ, bla qalb għadda l-azzar minn fuqhom * u għaffiġhom, għattanhom, tertaqhom.

F'sidirhom daħlet ix-xafra msinna leqqiena * qalbhom inqasmet u mietu.

Fetaħ ħdanu l-baħar iżraq bħan-nir * bala' ġ-ġfien u l-iġsma ta' fuqhom,

Dar magħhom il-ħut u sabu dawn l-iġsma * kiluhom u bidluhom f'laħamhom.

Infirdet għal dejjem l-omm minn binha * l-iben mill-missier u ntemmet l-imħabba ta' bejnhom.

Kollox tħarbat u tħawwad, Mulej ! * Il-biki wid-dmugħ laħquna msieħba mill-mewt.

Spiċċaw sa l-Imqades fejn darba qimnik * twittew winħarqu sa saru rmied.

Intemmu t-tifkiriet ta' ħidmet il-bniedem * biex rebaħ saltnatu fuq il-ħolqien.

Inħarqu l-kotba mħażen ta' l-għerf * baqa' waħdu l-għaref bla ħajr ta' xejn.

Xtaqna w ridna nwarrbuk minn ma' ġenbna * w'int aktar qrobt lejna b'setgħatek.

Tgħaddabt u ħaqqek ġie fuqna * amrek le qisna w tfajnieh taħt saqajna ma' l-art.

F'qillitek quddiemna nilmħuk * kif dhert 'il Mosè fuq Sinaj kif ċaħdek ġensek.

Għax lilna wkoll ħtart b'ġensek * iżda aħna ċħadnik.

Tgħaddabt għal Sôdma w Gomorra * w ħarrabthom u għamilthom tħin.

Xegħlet qillietek fuq rasna, ja msejkna li aħna * u ħqartna w għakkistna kemm ħtieġ.

Dwied ta' l-art aħna, insejna ċokonna * ridna nibnu Babel, ftit akbar mill-ieħor.

W inti ħawwadtna, għamejtna * u nqdejt b'misbietna biex turi qillietek.

Fid-dmija mgħargħra l-art wil-baħar imħammar * għatxana għal demmna, bla ma jixbgħu.

Minn tlugħ sa nżul ix-xemx, minn inżulha sa tlugħha * ma' l-erbat irjieħ tad-dinja x-xafra misluta.

Għadbek kbir, setgħetek qawwija, qillietek tbażża' * iżda Mħabbtek bla tarf, ja Mulej.

F'Imħabbtek għalina, Mulej, nittamaw * li teħlisna mill-ħarb tal-biża' ta' fuqna.

Ukoll fil-ħarb nilmħu Mħabbtek u Ħaqqek. * Ħnientek hi kbira w Mogħdritek bla tarf.

Għin ja Mulej 'il min fik jittama*w 'il min bla ma ħata ħabtu għalih.

Tinsiex 'il dawk li jitqabdu għas-Sewwa * u għanihom b'rebħiet u jiem il-hena.

Kbar huma ħtijietna, Mulej, iżda mħabbtek tisboqhom ja Missier ħanin * li taħseb fl-għasfur wil-lelluxa, u tagħnihom bl-isbaħ ilwien.

Tinsiex, ja Missier, il-bniedem li ħlaqt fi Xbihietek: * tħallihx jitkagħweġ u jitmiegħek ma' l-art fost in-niket widdmugħ.

Eħlisna, Eħlisna, Mulej, mill-hemm ta' dal-ħarb * w aħfrilna ħtijietna ħa' nsiru nħobbuk. Eħlisna Mulej.

K. SANT

17—XI —40

# IL-HIDMA TAGHNA

## L-ISMIJIET TAT-TOROQ

### KORRISPONDENZA UFFIĊĊJALI

*Qegħdin inxandru hawn taħt il-korrispondenza li għaddiet bejn il-"Għaqda" tagħna u l-Gvern fuq il-kustjoni ta' l-ismijiet tat-toroq ta' Malta u Għawdex.*

55, West Str., Valletta,
26 ta' Ottubru, 1940.

Sinjur,

Il-Kumitat tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li hu uffiċċjalment magħruf mill-Gvern, fil-laqgħa li għamel fis-16 ta' dax-xahar, talabni nfissirlek ix-xewqa tiegħu li l-Malti jkun imdaħħal, bħalma kien qabel minn dwar tnax-il sena 'l hawn fl-ismijiet kollha tat-triqat ta' Malta u Għawdex, sew ġodda kemm f'dawk li isimhom qed jitbiddel. Il-Kumitat jaqbel

mal-pulitka li biha kien miexi l-Gvern meta semma t-toroq ta' Malta u Għawdex bl-Ingliż u bil-Malti. Iżda jisgħob bih li dan l-aħħar l-Ilsien Malti ma daħalx fl-ismijiet ġodda tat-toroq ta' l-ibliet. Hija ħaġa magħrufa li l-lum il-Malti u l-Ingliż huma l-ilsna ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiż u li l-lum il-Malti huwa mdaħħal ukoll bħala materja obbligatorja ta' tagħlim fl-Iskejjel Elementari, Sekondarji u fl-Università u, għalhekk, kemm il-waħda u kemm l-oħra jixraq li jimxu id f'id.

Għalhekk il-Kumitat jixtieq li l-Gvern jilqa' t-talba tiegħu, li hija wkoll it-talba tal-poplu kollu ta' Malta u Għawdex kif deher dan l-aħħar fil-fehmiet li tfissru fuq hekk fl-istampa lokali.

Il-Kumitat huwa tal-fehma wkoll li, sabiex dan ikun jista' jsir kif jixraq, tkun ħaġa sewwa li jinħatar Bord ta' nies li jistgħu jagħtu l-fehma tagħhom dwar l-ismijiet ġodda li għandhom jingħataw lit-toroq skond in-nisel, it-tradizzjoni u l-istorja tagħhom. Il-Kumitat jisgħob bih isemmi li fuq hekk, mindu bdew jingħataw l-Ismijiet ġodda tat-triqat bl-Ingliż u bil-Malti, hemm ħafna mill-ismijiet li ma jweġġbux għal dik li hi tradizzjoni u storja tagħhom, u għalhekk jitlob li dan il-Bord ikollu d-dmir li jagħmel ukoll reviżjoni ġenerali tagħhom.

Għandi l-unur inkun,
Sinjur,
Bil-qima kollha l-qaddej tiegħek,
ĠUŻE CHETCUTI
(Segretarju).

Lill-Onorabbli Segretarju tal-Gvern.

* * *

L-Uffiċċju tal-Logotenent-Gvernatur,
Malta, 2 ta' Novembru, 1940.

Sinjur,

B'riferenza għall-ittra tiegħek tas-26 ta' Ottubru jien imqabbad ingħarrfek li, kif diġa ġie mħabbar fil-ġurnali, l-Eċċellenza Tiegħu li qiegħed jamministra l-Gvern ħatar Kumitat magħżul mill-Onorabbli Dr. Ġ. Borg, M.B.E., l-Onorabbli Dr. L. Galea u l-Onorabbli Dr. P. Boffa, li x-xogħol li għandhom jagħmlu jiġbor fih il-punti msemmijin fil-memorandum, mibgħut mill-Għaqda tagħkom. Kopja ta' dan il-memorandum intbagħtet lill-Kumitat għall-informazzjoni tagħhom.

Għandi l-unur eċċ.
(ft.) W. PARNIS,
Għas-Segretarju tal-Gvern.

* * *

*Qegħdin inxandru wkoll il-korrispondenza li għaddiet bejn il-'Għaqda' u d-Direttur tat-Tagħlim dwar l-Ilsien Malti fl-iskejjel.*

55, West Str., Valletta,
6 ta' Diċembru, 1940

Sinjur,

Ninsab imqabbad mill-Kumitat tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", li hu uffiċjalment magħruf mill-Gvern, biex ingħarrfek li l-"Għaqda" tixtieq li tara l-Malti mdaħħal fil-klassijiet kollha tal-Liċeo kemm ukoll fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet. Dan ikun aktar jaqbel mal-pulitka mitluba miż-żmenijiet li aħna fihom. It-tagħlim tal-Malti s'issa sar biss fil-klassijiet il-kbar u qatt fil-klassijiet iż-żgħar tal-Liċeo u ta' l-Iskola Sekondarja: din il-pulitka hi għal kollox kontra l-pulitka li ġiet adottata mill-Gvern meta daħħal il-Malti fl-iskejjel tagħna bħala suġġett obligatorju bħal ilsna oħra.

Il-Kumitat ukoll igħożż ħafna l-għajnuna li d-Dipartiment tiegħek jista' jagħti lill-imseħbin tal-'Għaqda' tagħna li huma kittieba magħrufa u kumpetenti tal-Isien Malti. Pulitka differenti minn din tfixkel ħafna l-ħulqien ta' xogħlijiet oriġinali li mingħajrhom ma tistax tgħaddi kultura tabilħaqq Maltija. Il-'Għaqda' tieħu pjaċir ħafna kemm-il darba int tagħmel użu mill-ħidma ta' l-aħjar kittieba tagħna tal-Malti. L-ismijiet ta' dawn il-kittieba jistgħu jingħatawlek minn awtoritajiet kumpetenti dwar dan is-suġġett.

Fil-waqt li l-Kumitat jittama li int tqis dawn il-ħafna punti msemmijin f'din l-ittra,

Għandi l-ġieħ inkun,
Sinjur,
Il-qaddej ubbidjenti tiegħek,
ĠUŻE CHETCUTI
(Segretarju).

L-Onor. Dr. ALB. V. LAFERLA, O.B.E.,LL.D.,
Direttur tat-Tagħlim.

* * *

L-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni,
Auberge de France,
Valletta, 9 ta' Diċembru, 1940.

Sinjur,

Nixtieq niżżikom ħajr ta' l-ittra tagħkom tas-6 ta' dan u tal-għajnuna li l-imseħbin tal-'Għaqda' jixtiequ jagħtuni, meta ma nsibx teachers minn tiegħi min igħallem.

2. Xtaqt kieku nilqa' t-talba mħissra fl-ewwel paragrafu ta' l-ittra tagħkom imma, mħabba ċ-ċirkustanzi, ma nkunux nistgħu nagħmlu ieħor meta niġu biex nagħmlu s-*syllabuses* u t-*time tables.*

Għandi l-ġieħ eċċ. eċċ.

ALB. V. LAFERLA,

Direttur ta' l-Edukazzjoni.

Is-Segretarju

tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

TAGHRIFA—Minħabba n-nuqqas ta' wisa' kellna nħallu barra l-korrispondenza li għaddiet bejn il-"Għaqda" tagħna u l-Onor. Dr. G. Borg, M.B.E., President tal-Kumitat ta' l-Ismijiet tat-Toroq.

---

## LAQGĦA AKKADEMIKA

Fit-22 ta' Diċembru, 1940, il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" għamlet *Laqgħa Akkademika* li rnexxiet tassew.

Inqara dan li ġej :

Ġ. Galea, M.D.: (Novella) "Ħajja bla Ħajr".

R. Briffa, M.D.: (Innu) "Ave Marija".

A. Buttigieg, LL.D.: (Poeżiji) L-Eħieres tal-Bir; Il-Larinġa; Id-Dura tal-Merħ; Għanja lill-Għodwa; San Kalċidonju, Għawdex.

Ġuże Chetcuti : Silta mill-'Assedju ta' Malta' (Qlib mill-Ingliż tal-Maġġur H. A. Balbi, M.B.E.); (poeżiji) Nocturne; Mas-Sejħa; Il-Lum; Merħla Ngħaġ.

Patri Pawl Tabone, o.f.m. : "Għaliex inħobb l-Ilsien Malti !"

K. Vassallo : (poeżija) "Alla".

M. Agius : (Sunett) "Xewqa fil-Milja ta' Ħajti".

Il-Laqgħa għalqet b'talba għal ruħ Dr. Ġuże Bonnici, li kien wieħed mill-imseħbin l-aktar ħabrieka tal-"Għaqda".

## *STRINA LILL-QARREJJA*

***Did-darba r-rivista tagħna ħarġet b'erbgħin faċċata bħala strina sabiħa lill-qarrejja tagħna.***

# "Orientalist" u l-Ortografija tal-Għaqda

*Fix-xahar ta' Ottubru li ħareġ u f'ta' warajh fit-*Times of Malta *dehru xi artikoli taħt in-*nom de plume *ta'* Orientalist, *fejn il-kittieb fettillu jnaqqi xi ftit mill-karfa u żwiel li bih* deherlu *li baqgħet imħallta l-Ortografija Maltija, wara t-tgħarbila li saret minn żmien għal ieħor minn grammatiċi, Xrieki u Akkademji u fl-aħħar mill-"Għaqda". Aħna ma jidhrilniex li għandna għalfejn noqogħdu nwieġbu lill-*Orientalist *biex inwaqqgħu l-kritika li għamel fuq il-kitba ta' xi kliem miktubin fuq ir-reguli tal-"Għaqda", li, kif qal hu, xi waħda hija* void *u* meaningless. *Flokna kien wieġeb tajjeb u bil-għaqal wieħed mill-membri xjuħ tal-"Għaqda" fuq l-istess* Times of Malta *wara sejħa li kienet għamlet Miss Butcher, waħda mill-Membri Akkademiċi tal-"Għaqda" u l-lum magħrufa biżżejjed fostna għall-istudju u' x-xogħol tagħha fuq il-Malti u għall-ħeġġa kbira tagħha għall-Malti u għall-"Għaqda." Iżda billi naħsbu li xi membri tal-"Ghaqda" ma waqgħetx taħt għajnejhom il-korrispondenza ta' Miss Butcher u tas-Sur Cremona li wieġbu għall-artikoli ta'* Orientalist *fl-*interess *tal-"Għaqda", sa nġibu hawnhekk maqlubin fil-Malti l-ittri taż-żewġ membri. Fit-traduzzjoni ta' l-artikoli hemm xi bċejjeċ li l-Editur tat-*Times of Malta *deherlu li kellu jħallihom barra.*

(*Traduzzjoni*)

GRAMMATIKA MALTIJA

Tas-Sliema, 12 ta' Ottubru, 1940

Lill-Editur tat-"Times of Malta"

Sinjur,

Mhix biċċa tiegħi li nindaħal biex inwaqqa' dak li qal "Orientalist" b'mod li jista' jqarraq, fl-aħħar tliet ittri tiegħu; madankollu, jiena nittama li wieħed mill-grammatiċi tajbin ta' Malta jindaħal biex iwieġbu (għalkemm dana nħeba taħt *nom de plume*) u juri lil min ma jafx sewwa li l-Malti għandu jinkiteb skond il-prinċipji ta' studju u qies li ħadmet u mexxiet il quddiem il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" skond l-użu prattiku li jaqbel għal ilsien miktub b'ittri Latini.

Tiegħek, eċċ.

MAY BUTCHER.

# L-ALFABET U L-ORTOGRAFIJA TAL-GĦAQDA

*Twegiba lill-"Orientalist" minn A. Cremona.*

Sinjur,

Dan l-aħħar ġew taħt għajnejja xi artikoli fit-"Times of Malta" taħt il-firma ta' *Orientalist*, dwar il-kitba ta' xi kliem illi fil-fehma tal-korrispondent tiegħek mhumiex miktubin skond l-etimoloġija tagħhom, u dwar is-sistema tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, illi, skond ma jrid igħid hu, mhix xjentifika biżżejjed bħala sisien ta' traskrizzjoni Maltija.

Mhix skond id-drawwa tiegħi ta' mġiba letterarja li mmieri l-pontijiet filoloġiċi ta' korrispondent li jaħbi ismu: mill-banda l-oħra, ma jidhirlix li ġurnal, li l-iktar li jittratta fuq ħwejjeġ soċjali u politiċi tal-pajjiż u ta' barra, huwa l-proprju organu għal lingwistika tar-reqqa li tista' taħkem iżjed milli jixraq fuq il-moħħ ta' nies li ma jifhmux u tmexxih ħażin; billi, iżda, fl-istampa ngħata daqshekk wisa'—u għalhekk, kif wieħed għandu jaħseb—xi ftit ta' l-importanza ukoll ta' barra mis-soltu (saħansitra iktarx b'inkejja ta' argumenti oħra ta' interess iżjed soċjali) sabiex tingħata għajnuna għal tixrid anonimu ta' fehmiet bix-xeħta li joħolqu firda bejn il-kittieba tal-Malti u jheddu s-sisien ta' sistema stabbilita, il-lum magħrufa u użata uffiċjalment fil-pubblikazzjonijiet u kotba ta' l-iskola (fosthom dawk ta' l-Università) ukoll minn għorrief barranin fix-xogħlijiet tagħhom fuq il-Malti, naħseb li ma jkunx barra minn loku jekk lili jingħata l-wisa', bħala membru xiħ tal-*Għaqda*, għalkemm taħt kondizzjonijiet mhux indaqs ta' identifikazzjoni, sabiex infisser bi prinċipji ġenerali il-fehmiet tiegħi kontra l-argumentazzjonijiet filoloġiċi li ħareġ bihom *Orientalist.*

Mingħajr ma noqgħod nidħol f'eżami tekniku, wieħed jista' juri, bħala prinċipju, illi mhix kwistjoni li wieħed jiffissa l-kitba ta' kelma Maltija billi din ixxebbaħha mal-bini etimoloġiku jew fonetiku ta'kelma li taqbel magħha fil-Għarbi Klassiku jew f'Ilsien ieħor Semitiku, ukoll jekk dana huwa Lhudi, iżda li wieħed iqis sewwa sa fejn din il-kitba tista' taddattaha għall-forma mbiddla li maż-żmien ħadet il-kelma Maltija. L-ortografija tal-*Għaqda* hija l-frott ta' sistema maħduma bir-reqqa li, ma' tul l-aħħar sittin sena ta' qawmien ta' letteratura maltija, ħarġet mill-aħjar żewġ sistemi ta' l-aħħar —dik tax-*Xirka Xemïa* (1882) u l-oħra tal-*Muftieħ tal-Kitba Maltija* ta' G. Vassallo (1901).— Din is-sistema nbniet bl-iktar mod prattiku fuq dawk il-prinċipji etimoloġiċi li setgħu jwieġbu għal-leħen ta' l-ittri ta' l-alfabet u li jaqblu ma'

l-*aċċentwazzjoni* partikulari tal-Malti li, f'ħafna ħwejjeġ, ma taqbelx ma' l-Għarbi Klassiku u ħafna wkoll ma' dik taddjaletti tiegħu u fosthom tgħodd ukoll dik ta' ilsna oħra Semitiċi mejtin li tagħhom wieħed ma jistax ikun jaf sewwa skond ix-xjenza l-leħen veru tal-konsonanti u l-aċċent toniku. Sistema bħal din tal-*Għaqda* lanqas ma jista' jkun li titlaqqa' sewwa sew ma' dik ta' Vassalli, li għalkemm waqqaf l-ewwel pedamenti sħaħ tar-reguli ta' l-ortografija tagħna, ma rnexxilux f'ħafna ħwejjeġ li jsawwar alfabet Malti xieraq u popolari li jaqbel għall-iskopijiet prattiċi ta' tagħlim; dan in-nuqqas jidher ċar saħansitra fl-alfabet li huwa kien biddel fit-tieni edizzjoni tal-Grammatika Maltija tiegħu (1827) fejn l-ittri raġa' qassamhom xort'oħra u qegħidhom skond l-ordni ta' l-alfabet Latin.

B'danakollu hija ħaġa ta' min jinnotaha li f'dan l-alfabet mibni bl-akbar reqqa fuq prinċipji xjentifiċi ma nsibu ebda għelm ta' *Alif*, għallinqas, skond it-tifsira li jrid isostni *Orientalist*.

Is-sistema fissa ta' traslitterazzjoni skolastika ta' lsien maħsuba biex tmexxi 'l quddiem il-*letteratura* ta' l-istess ilsien ma tistax titwaqqaf fuq alfabet li hu xjentifiku għallaħħar, li, saħansitra fost l-għorrief, jinqdew bih biss fi *studji xjentifiċi*, u mhux fil-*kitba letterarja* tal-Lsien. (Ara l-alfabet u traskrizzjoni xjentifika tat-Taljan fi-"Archivio Glottologico" ta' Ascoli).

Meta wieħed jiġi biex jistma l-ortografija tal-*Għaqda*, li tgħaqqad il-prinċipji partikulari tal-morfoloġija u fonetika Maltija, dak li jkun għandu jqis dawn il-ħwejjeġ illi *Orientalist*, milli jidher, ma qagħadx jikkalkula meta wasal għallkonklużjonijiet tiegħu :—

a) Illi l-Alfabet Malti li għandna l-lum, fuq dak li jrodd il-fond tat-terminoloġija semitika tal-Malti u l-leħnijiet radikali tiegħu, il-Għorrief ta' l-Istudji Orjentali ma jqisuhx bħala fdal qadim jew bħala alfabet li ħareġ mil-Lhudi, u bla dubju ta' xejn hija ħaġa sentimentali u kontra x-xjenza li tħawwad in-nisel tal-konsonanti ta' l-Alfabet Malti tal-lum ma' dik ta' Ilsna Semitiċi oħra u minn hekk tagħti x'jifhem illi l-leħen mitfi ta' xi konsonanti maltin gutturali u dentali enfatiċi għatta u ħeba b'mod hekk qawwi l-leħen Għarbi ewlieni tagħhom li jġagħlek taħseb illi n-natura ta' dawn l-ittri hija eqreb lejn il-Lhudi milli lejn il-Għarbi.

Jekk wieħed isemmi l-ittri ta' l-Alfabet Malti bl-isem u skond l-ordni tal-Lhudi, kontra x-xeħta ta' l-ittri tiegħu Romani, ma jkunx qiegħed jagħmel ħaġ'oħra ħlief imur kontra s-sistema tradizzjonali tat-tagħlim alfabetiku tagħna

u jislet il-moħħ tat-tifel li jkun qed jitgħallem minn drawwa ta' sisien ta' tagħlim li fostna ilha li rabbiet l-egħruq.

b) Illi l-Malti tilef diversi konsonanti li l-lum għad hemm xi fdal tagħhom f'xi egħruq ta' kliem Malti u li tista' tqabbilhom ma' dawk li hemm fil-Għarbi Klassiku, bħalma huma l-konsonanti tas-snien : *thsa*, *dżal* (frikativi), *tha*, *dhad* (alveolari plosivi); *thsa*, *ssad* (alveolari frikativi); *għ* u *ħ* ħorox (gutturali, frikativi), u l-*Alif* li fil-Malti nxorbot f'leħen ta' vokali u f'dak tal-vokali twila *a*, miksura xi mindaqqiet f'dik ta' *ie* (imâla).

.............................. .............................. ..

d) L-influwenza ta' xi konsonanti fuq oħrajn, bħalma huma l-konsonanti rotob fuq il-qawwijin u bil-maqlub, fi kliem ta' għerq semitiku, illi mħabba fiha nsibu illi xi konsonanti biddlu l-leħen tagħhom f'dak ta' oħrajn li jixbhuhom u ma jaqblux ma' dawk fl-istess għerq fil-Għarbi; biċċiet minn dawn il-konsonanti ħadu leħnijiet bħalma huma ta' *ċ* (l-Ingliża *ch*) u ta' *g* (ga) li xi wħud jistgħu jħalltuhom ma' l-istess ittri fil-Latin jew fil-Lhudi, l-ewwel waħda jeħduha li hija l-ittra *c* latina u t-tieni li hija l-ittra *gimel* tal-Lhudi.

Tixbih jew assimilazzjonijiet bħal dawn insibuhom ukoll fi kliem misluf minn ilsna Romanzi li bis-saħħa tiegħu l-Alfabet tagħna żied mal-leħnijiet partikulari tiegħu li ma jaqblux ma' dawk tal-Għarbi, leħnijiet li hu żball tqabbilhom ma' dawk tal-*pe*, *gimel* u *tsade* fil-Lhudi.

e) Iż-*ż* Maltija, li hija b'mod partikulari Għarbija, ma titbigħedx għal kollox mil-leħen tal-Lhudija *zajn*, leħen li xi mindaqqiet ivarja bejn dak tal-Għarbi *dhal* jew *dzal* u *zaj*, fil-waqt li *z* (*ts*) li twieġeb għal-Lhudija *tsade* tinsab biss fi kliem Malti li daħal mill-Isqalli-Taljan. L-ittri palatali *ċ* u *ġ* lanqas ma jinsabu fl-Alfabet Lhudi; l-ewwel waħda nsibuha fi kliem Malti ta' nisel Semitiku, b'tibdil jew assimilazzjoni minn għerq Għarbi, bħal f'*ċarrat*, *ċarċar* (*ċ* flok *x*); *ċaħad*, *wiċċ* (*ċ* flok *ġ*), it-tieni waħda fil-Malti għandha żewġ leħnijiet kemm xejn differenti, dak ta' *ġ* f'*ġellewż* (l-Ingliża *j* f'*jam*), u dik ta' *ġ* fi *ġdid* u l-Franċiża *j* f'*jeu* (*ġ* Għarbija-Surjana). Sew *ċ* kemm *ġ* jinsabu fi kliem ta' nisel Għarbi u nisel neolatin.

L-ittra *għ* (għajn) li drajna ninqdew biha minn żmien ilu rabbiet egħruq hekk kbar fl-ortografija tagħna illi kieku dfinnieha kien ikun ta' ħsara għal tibdil ieħor li sata' jsir mill-*Għaqda* f'xi digrammi jew ittri li fl-Alfabet qadim tagħna kienu jidhru għal xi leħnijiet differenti. Biex dil-ħaġa tissewwa mill-aħjar, il-*Għaqda* issuġġeriet il-kitba u l-istampa tal-*għ* f'għaqda ta' żewġ ittri jew monogramm (Ara *Tagħrif*

*tal-Kitba Maltija* (1924) pagna iii), L-egħliem ' li jrid idaħħal *Orientalist*—li bih l-iktar li jinqdew l-Orjentalisti ta' l-Iskola l-Qadima—ma jaqbelx ma' l-ittri Romani u huwa ta' xkiel fil-kitba bl-idejn.

Fl-aħħarnett nistgħu nuru fil-qosor illi l-forma *Għawdex*, li, kif wieħed għandu jaħseb, hija mnissla mill-għerq Puniku *Gwl* (gawl) imsemmi f'iskrizzjoni Punika ta' Malta, għaddiet minn żmien għal ieħor minn dawn il-forom ta' kliem sakemm issawret fil-kelma *Għawdex*, li huma: *Gaulos*, *Gaudos* (Grieg), *Gaulus*,*Gaudisium* (Latin) u fl-aħħar *Għawdex* (Għarbija). Il-kelma *Għawdex* skond l-istorja u l-morfoloġija saret mażżmien forma kwadrilittera Għarbija, forma li fil-kitba Għarbija tidħol il-*waw* flok l-*u* kif f'kull sillaba b'dittong *au* fi kliem misluf minn ilsna oħra (ewropej), jiġifieri 'l-kisra tal-leħen minn organu vokaliku għal ieħor tieħu x-xeħta konsonantali ta' *aw* flok *au* (*Gairdner*). Wara kollox, ta' min jinnota l-*w* fil-għerq ewlieni ta' *Gwl*.

L-argument ta' *Orientalist* dwar l-ortografija ta' *min* flok *minn*, li tingħażel minn *min* skond l-ortografija Għarbija, ma jidhirx li hu msejjes fuq il-fonetika Maltija u fuq fatti grammatikali djalettali. Iż-żewġ kelmiet Maltin jingħażlu mill-ħoss ta' l-aċċent li jaħdem b'mod differenti fuq il-bini taż-żewġ kelmiet; il-pronom *min* jingħaraf mill-aċċent twil li għandu wrajh konsonanti *waħda* u l-proposizzjoni *minn* mill-aċċent maħtuf sħiħ, li għandu wrajh *żewġ* konsonanti (jew konsonanti mlissna għal darbtejn kif fit-*tixdid* Għarbi). Id-divrenzja fl-aċċent taqbel mad-divrenzja fit-tifsira. Jiġi għalhekk illi l-bini tal-kelma Maltija *minn* ma jaqbelx ma' dak tal-kelma fil-Għarbi, fejn il-vokali fiż-żewġ kelmiet *min* u *minn* huma maħtufa (ħlief fl-Eġittu u fis-Surija fejn il-pronom *min* jitlissen u jinkiteb b'vokali twila) għalkemm djalettalment, u meta miżjud mas-suffissi pronominali, il-*min* Għarbija tista' xi mindaqqiet taqbel mal-bini tal-kelma fil-Malti; infatti l-Għarbi juża t-*tixdid* tal-leħen, jew l-*n* mtennija, kif fil-Malti, f'*minni*, *minnek*, *minnu*. Qabbel ukoll l-Għarbi Tripolin *minn*.

Id-divrenzja għal dik li hi grammatika u tifsira bejn l-Għarbija *el* (l) u l-Maltija *għal* (li twieġeb għall-Ingliż *for*, *towards*, *over* u *against*) ma jidhirx li *Orientalist* stmaha biżżejjed fl-użu djalettali. Hija ħaġa ċara illi l-klejma Għarbija *el* tqabblet fil-Malti ma' *għal* (fl-Ingliż *for*); fil-waqt li l-partiċella *lil* (*l*), fil-Malti ma ninqdewx biha ħlief għad-dativ (fl-Ingliż *to*). Hekk l-eżempji: Il-muftieħ tajtu lis-sid (*I gave the key to the owner*) u, Dan il-ktieb għalik (*This book is for you*) u mhux *alik* jew *elik*, juru biċ-ċar id-divrenzja

taż-żewġ partiċelli (*lil* u *għal*), għalkemm bniedem Tripolin tisimgħu iktarx igħid: "immâla ħal ħwajiġ elli ġibthum lija ?" (*Are these clothes which you brought therefore for me?*). Iżda mhix ħaġa fil-bogħod illi f'xi frażijiet Għarbin tisma' l-kelma *għala* fejn il-Malti minn flokha jsamma' *lil*: "*Subbi għala sidek el-moja* (Għarbi)—Ferragħ l-ilma lil sidek (Malti) —*Pour out the water for your master.*

A. Cremona.

Lill-Editur tas-"Sunday Times of Malta"
Il-Belt Valletta, 25 ta' Ottubru, 1940.

24, Amery Street, Tas-Sliema,
Is-27 ta' Ottubru, 1940.

Lill-Editur tat-"Times of Malta"
Sinjur,

L-artiklu għaqli minn awtorità bħalma hu s-Sur Cremona bi tweġiba lill-"Orientalist" li deher fis-"Sunday Times" ta' dal-għodu għandu jipperswadi lill-qarrejja tiegħek illi l-Alfabet Malti li ħolqot u mexxiet il-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* huwa, bla dubju ta' xejn, tajjeb u prattiku. Hemm iżda pont importanti ħafna li mhux imsemmi f'dak l-artiklu u li tajjeb wieħed isemmi: jien irrid ngħid illi l-Alfabet tal-*Għaqda*, li ilu jimxi fil-kitba maltija minn sittax-il sena 'l hawn, il-Gvern għarfu bħala alfabet uffiċjali u beda jużah għalih mill-1 ta' Jannar, 1934,—kif jiena kont semmejt fid-Daħla tal-Grammatika tiegħi li kont għamilt għall-Ingliżi. Barra minn dan, l-Alfabet tal-*Għaqda* huwa użat f'kull test fl-iskejjel kollha, kif ukoll fl-Università ta' Malta fejn il-Lsien Malti issa għandu dak il-ġieħ, għalkemm daqsxejn waħda tard, li jkollu Kattedra għat-tagħlim tiegħu.

Ta' min jitħassar l-imġiba ta' "Orientalist" illi flok ma fettex li jsaħħaħ u jirfed il-lsien tiegħu stess, deher li qiegħed jittanta jiżra' ż-żerriegħa ta' twegħir fost il-kittieba ta' l-istess ilsien; u din il-ħaġa hija iktar u iktar ta' min jitħassarha issa li l-Gvern ħabbar dan l-aħħar premju sabiex jagħmel il-qalb lill-fizzjali u nies ta' grad ieħor fir-riġmenti Ingliżi sabiex dawn jitgħallmu l-Malti. Dan il-privileġġ għandu wieħed jilqgħu bi pjaċir il-għaliex jgħolli l-ġieħ tal-Lsien Malti billi jqiegħdu linja waħda ma' l-ilsna l-oħra kollha li bihom dawn l-Ingliżi jistgħu jsiru Interpreti ta' l-Armata.

Fil-ġurnal tiegħek ingħata diġà wisa' biżżejjed u bla qies għal diskussjoni illi kien iktar xieraq li tinkiteb u toħroġ fi ktejjeb; bdanakollu, fil-waqt li nitolbok tagħdirni

talli rġajt indħalt biex ninqeda bil-kolonni tal-ġurnal tiegħek, nittama li inti ssib wisa' biex tippublika l-ittra tiegħi kollha kemm hi.

May Butcher
Membru Akkademika tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti".

## L-ALFABET U L-ORTOGRAFIJA TAL-GĦAQDA

31 ta' Ottubru, 1940.

Lill-Editur tat-"Times of Malta",

Sinjur,

It-tweġiba ta' *Orientalist* għall-osservazzjonijiet tiegħi fuq in-noti ortografiċi tiegħu la tipperswadi u lanqas ma fiha ħwejjeġ li jsoddu l-kwistjoni. Wieħed għandu jammetti illi, kif jistqarr hu, l-abbozz ta' l-alfabet tiegħu fih l-ittri kollha tas-sistema tal-*Għaqda* barra minn għeliem li huwa żied għall-*Alif* u minn għeliem ieħor minflok il-*għ* qadima tagħna; iżda wieħed għandu jammetti wkoll illi l-argumenti ta' *Orientalist*, fl-introduzzjoni ta' dan l-abbozz ta' alfabet tiegħu, juru illi, għal dawk li huma ilħna ta' l-ittri, l-alfabet Malti għandu jinbena fuq dak tal-Lhudi, billi dan huwa l-ilsien li joqrob l-iżjed lejn il-Malti milli kull wieħed ieħor (fosthom, ma għandna x'ingħidu xejn, il-Għarbi), affermazzjoni li hija kontra l-prinċipji tax-xjenza sew għal dawk li huma ilħna semitiċi tal-għerq fiż-żewġ ilsna, kif ukoll għal dawk li huma ilħna oħra li jistgħu jinsabu wkoll fil-Lhudi bħal *g*, *p*, *z* (*ts*), li fil-Malti, iżda, mhumiex ħlief jew tibdil ta' ittri oħra ta' l-istess nisel fil-Għarbi jew leħnijiet barranin li daħlu fil-Malti mal-kliem ta' l-ilsna Romanzi.

*Orientalist* għandu bla dubju ta' xejn jifhem tajjeb illi kull membru tal-*Għaqda*, ikun min ikun, sew jekk is-Sur Y jew is-Sinjurina X, għandu jew għandha l-jedd kollu li tfisser il-fehmiet kontrarji tiegħu jew tagħha f'kull kwistjoni li tmiss is-sistema tal-*Għaqda*, iżjed u iżjed meta teoriji bħal dawk, li m'huma xejn flokhom, kontra sistema użat uffiċjalment jistgħu jaħkmu b'mod ħażin (u iktarx iqarrqu) il-moħħ ta' min ma jifhimx.

Mhix fid-drawwa tiegħi ta' tikketta letterarja li nissielet ma' korrispondent anonimu li joħroġ bi proposti ta' fehmiet filoloġiċi kontra sistema mwaqqfa għas-seħħ l-iktar meta dawn il-fehmiet jixxandru f'ġurnal li mhux qiegħed għal diskussjoni akkademika; b'danakollu, jiena deherli li jixraq fl-interessi tal-*Għaqda* li nfisser il-fehmiet tiegħi fuq xi

pontijiet li jistgħu jqarrqu fit-teorji ta' *Orientalist*, fehmiet li magħhom jaqblu wkoll membri oħra mill-kbar tal-*Għaqda.*

Ma hemmx għalfejn wieħed joqgħod jarġa' jmieri dak li żied igħid u jsostni *Orientalist*, ħwejjeġ li huma l-ewwelnett mibnijin fuq prinċipji teoriċi weħidhom u fuq ix-xebh ma' mudelli ta' kliem ta' ilsna oħra semitiċi li huma mbegħdin fil-wisa' mill-morfoloġija u fonetika partikulari tagħna. Jekk wieħed jibqa' jiddiskuti ma jasal għal ebda tmiem prattiku għal dawk li huma reguli illi s'issa twaqqfu fil-kitba Maltija wara t-tgħarbila kbira u tar-reqqa li saret fis-sistemi l-oħra ta' qabel mibnijin fuq l-ewwel prinċipji ta' Vassalli u miflijin mill-ġdid mill-*Għaqda* illi l-alfabet tagħha, il-lum użat uffiċjalment, huwa, tista' tgħid, l aqwa bidla li saret fis-sistema. Tista' madankollu, tkun tiswa jekk intenni lill-*Orientalist* dak li kont għidt bħala daħla għall-argumenti fl-aħħar artiklu tiegħi, jiġifieri "illi mhix kwistjoni li wieħed jiffissa l-kitba ta' kelma Maltija billi din ixebbaħha mal-bini etimoloġiku jew fonetiku ta' kelma li taqbel magħha fil-Għarbi Klassiku jew f'Ilsien ieħor Semitiku, ukoll jekk dana huwa Lhudi, iżda li wieħed iqis sewwa sa fejn din il-kitba tista' taddattaha għall-forma mbiddla li maż-żmien ħadet il-kelma Maltija". Jekk wieħed jibni fuq prinċipji fondamentali oħra l-bini ta' kull sistema ta' ortografija Maltija ikun qiegħed fuq pedamenti foloz.

Dwar iż-żewġ għeliem ġodda li jrid idaħħal *Orientalist* fl-Alfabet tagħna, naħseb li jien fissirt biżżejjed kif dawna ma jkunux jistgħu jiswewlna għall-iskopijiet prattiċi ta' tagħlim fl-iskejjel. Ħadd ma jista' jiċħad illi s-sinjal ' għal *għ* (għajn) mhux għeliem konvenzjonali *qadim* fl-Istudji Orjentali għalkemm għadu użat minn diversi orjentalisti, u li floku ma daħlux sinjali oħra wkoll fix-xogħlijiet ta' xi għorrief oħra. Hi xinhi l-importanza konvenzjonali fi traslitterazzjoni xjentifika għall-aħħar, hija ħaġa ċara illi sinjal bħal dak ma jistax ikun użat kif jixraq bla ma wieħed jagħmel ħsara lill-ħajja tas-sistema alfabetika tagħna u maż-żmien dik tal-letteratura tagħna. Il-fehmiet tiegħi kontra l-kitba ġdida ta' xi kliem ma hemmx għalfejn noqgħod narġa' nfissirhom. Il-pontijiet ġodda li qajjem *Orientalist* fit-tweġiba tiegħu bilkemm tista' tgħid li wieħed jista' jsostnihom għal dik li hi morfoloġija u fonetika.

Il-Għarbija *ila*—li kif fisser hu minnha ħarġet il-Maltija *al* li twieġeb għall-Ingliż *to* (direzzjon) jew għad-dativ, differenti minn *lil*—dlonk l-Arabisti fid-djaletti Għarbin iqabbluha ma' *li* (l) (Tripoli) u ma' *għala* jew *għal* (Eġittu u Tanġier). Il-partiċella karatteristika, madankollu, għad-

dativ (*to*) fil-Malti hija *lil*, *il*, *l*; il-partiċella *îla* iktarx inxorbot f'*il* meta din tfisser *lejn* quddiem xi nomi jew avverbi ta' postijiet: *'l hawn u 'l hinn*, eċċ., fil-waqt li *għal*, li tfisser *lejn*, *kontra* [(*ħabat għalih tlaqt għall-Indja*) u l-Ingliża *for* (*tlabt għalik*, *ġejt għalik*) ma ninqdewx biha biex infissru biss *kontrarjetà* jew *oppożizzjoni*, kif irid isostni *Orientalist*.

Ix-xeħta ta' *Orientalist* li jimxi biss fuq sistema ta' trasliterazzjoni orjentali ta' fuq il-kotba, illi xjentifikament lanqas ma jimxu fuqha l-Arabisti fit-trasliterazzjonijiet tagħhom, ġagħlitu jitwebbel biex idaħħal it-traskrizzjoni ġdida ta' *wu* flok *u* fil-kitba tal-konġunzjoni *wa*, illi fil-Malti u fil-Għarbi mitkellem il-grammatiċi (mingħajr ma jimxu fuq ebda regula fonetika ta' l-ilsna Arjani) bħala regula ġenerali jivvukalizzawha f'*u* meta taħbat f'sillaba miftuħa u f'*wi* (fil-Għarbi *wu* jew *we*) meta f'sillaba magħluqa (Vaccari): *Intom u hija kontu flimkien. Kont jien wil-ħaddied.* Fit-"Tagħrif" hemm nota li twissi illi fil-kitba tal-konġunzjoni *wa* wieħed jista' jimxi fuq l-aħħar eżempju flok dik li hi ortografija iżjed mexxejja ta' *u* fl-eżempju: *Kont jien u l-ħaddied.*

A. CREMONA.

# BIBLIJOGRAFIJA

METRIKA MALTIJA ta' Karmenu Vassallo.

A. C. AQUILINA & Co. Edituri — Stamperija *Empire*.

Kienet ilha tinħass fi Lsienna l-ħtieġa ta' ktieb li jagħti reguli u mirja ta' poeżija bil-Malti, sabiex ikun ta' għajnuna lil dawk li jitħajru jidħlu fil-qasam, sabiħ imma mwiegħer, tal-poeti.

Karmenu Vassallo li jistħoqqlu fil-wisa' l-ġieħ ta' poeta, tana f'idejna METRIKA MALTIJA, biċċa xogħol li fiha l-awtur jiġbor, b'sabar u b'ħila, studji dwar kif għandna nsawru l-vers, inqisu l-aċċenti ritmiċi, u nħaddmu l-metru u r-rima. Jagħtina wkoll għadd ta' għamliet differenti ta' versi bil-Malti. Fis-Sitta u fis-Seba' Taqsima jitkellem dwar is-Saffika, il-Karme, il-Ballata Romantika, l-Eleġija, is-Sunett u s-Salm, studji maħdumin bir-reqqa u li juru, ma għandniex xi ngħidu, li min indaħal għal xogħol bħal dan hu mħarreġ biżżejjed fis-sengħa tal-poeżija Maltija.

Din il-METRIKA MALTIJA ma fihiex ħlief xi tfaħħar, u kienet hi li mliet il-baħħ li kien ilu jinħass ħafna fil-letteratura tagħna. 'Dan ix-xogħol meħtieġ', igħid il-Professur Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.) fil-"Kelmtejn Qabel", 'jien nirrikmandah bil-qalb lil dawk iż-żgħażagħ li jħossu ruħhom imxejrin lejn il-Għanja Maltija sew bħala kittieba ta' poeżiji kemm bħala qarrejja'.

*

"THE MALTESE LANGUAGE"—Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph. D. (Lond.)—Empire Press, 1940.

Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), Professur tal-Malti u ta' l-Ilsna Orjentali, tana f idejna ktejjeb jismu "The Maltese Language", biċċa xogħol li titkellem dwar l-Ilsien Malti xjentifiku. Din il-kitba kien qraha fil-*British Institute* fil-31 ta' Ottubru li għadda.

Fil-"Kelmtejn Qabel" mill-ewwel fisser ruħu li hu mhuwiex minn dawk, li, hekk jew hekk, iridu bilfors jinqdew bil-*Malti Safi*; il-ħsieb ewlieni tiegħu hu li jkollna lsien kbir, assimilattîv b'futur ta' letteratura mill-aqwa, u hekk inkunu qegħdin inpattu għaż-żmien li ntilef qabel, meta l-Malti kien imħaddem ħażin u ftit li xejn kienu jagħtu każu.

Ix-xejra lejn il-Malti, igħid l-awtur hi jew ta' tmaqdir kbir inkella ta' ħeġġa bla dehen, ħeġġa ta' dawk il-'puristi' li jridu jdaħħlu l-"*Malti Safi bis-sewwa jew bid-dnewwa*". It-tnejn, kemm dawk li jridu l-Malti safi ż-żejjed u wisq aktar dawk li jmaqdruh, huma mexjin fit-triq il-ħażina. Ix-xejra li qabdu m'hi xejn tajba u ma tagħmel ebda ġid lil ilsienna. Ma għandniex inbarru l-kelma barranija meta nħossu li qiegħda flokha u li toqgħod tajjeb għall-ħajja kulturali tagħna. Kliem bħal dan għandu jidħol fid-dizzjunarju Malti; hu jagħmel sehem mill-esperjenza u l-wirt tagħna soċjali. Imma minn naħa l-oħra, igħid ukoll l-awtur, qegħdin jagħmlu ħażin dawk li fil-kitba bil-Malti jinqdew bi kliem barrani addoċċ u kif iridu. "Jien għal kollox kontra dawk", iżid igħid, "li jridu '*jivvulgarizzaw*' il-Malti b'ortografija tal-janizzata".

Aħna naqblu għal kollox ma' l-idijat kif ġew imfissrin mill-Professur Aquilina, u ma nistgħux ma nirrikmandawx il-ktieb bħala biċċa xogħol xjentifika mill-aħjar u li hi l-bidu ta' studji oħra li l-Professur biħsiebu jagħmel aktar 'il quddiem.

Ġ. c.

# WERREJ
# TAS-SITTAX-IL SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Il-lum ma għandhomx skuża . . . . | | 3 |
| Il-Mewt ta' l-Avukat Ġuże Micallef . . | A. Cremona | 5 |
| *Legio Mariæ* . . . . . . . . | Dun Karm | 11 |
| Ħsibijiet imxerrda . . . . . | E. Serracino Inglott | 13 |
| *Il-Mastrudaxxa* . . . . . . | Ġuże Chetcuti | 14 |
| *Nemmen* . . . . . . . . . | ,, ,, | 15 |
| En passant . . . . . . . . | A. C. | 18 |
| In-Novella . . . . . . . . | Ġużi Mallia | 19 |
| Aktar mill-qilla, aktar mit-theddid, aktar mid-dwejjaq . . . . . . | | 25 |
| *Pax Britannica* . . . . . . . | **** | 26 |
| It-Tabib Ġuże Bonnici . . . . | Ġuże Chetcuti | 27 |
| It-Tagħlim tal-Malti . . . . . . | | 31 |
| *Ħajr u Talb* . . . . . . . | Dun Karm | 33 |
| *Londra* . . . . . . . . | Ġuże Chetcuti | 33 |
| Il-Ġiżwita Indrì Schembri. . . . | Ġuże Galea | 34 |
| *Iż-Żmien* . . . . . . . . | Ġuże Chetcuti | 41 |
| L-Ingilterra għad tirbaħ . . . . . | ,, ,, | 44 |
| *Ix-Xatt t'Għawdex* . . . . . . | Ġorg Pisani | 45 |
| *Progress* . . . . . . . . | Dun Karm | 46 |
| La tigdibx . . . . . . . | C. Micallef Decaro | 47 |
| Malta tkabbar ġrajjietha . . . . . | Ġużi Mallia | 48 |
| Kotba u Kittieba . . . . . . | Ġ. c. | 54 |
| L-Ortografija tagħna . . . . . . | | 57 |
| *Il-Libiena* . . . . . . . | Dun Karm | 59 |
| L-Ilsien Malti u l-Gwerra . . . . . | **** | 60 |
| *Min int?—Kampnar* . . . . | Ġuże Chetcuti | 62 |
| Ħajja bla ħajr . . . . . . . | Ġuże Galea | 63 |
| Imħabba t'Omm. . . . . . . | P. P. Tabone o.f.m. | 70 |
| B'Tifkira ta' oħti Ġużeppina . . . . | P.P. Saydon | 73 |
| *Iżda* . . . . . . . . . . . | Dun Karm | 74 |
| Arloġġ żgħir u ġrajjietu . . . . . | L. Cutajar | 75 |
| *It-Triq tal Ħelsien* . . . . . . | Ġuże Chetcuti | 79 |
| *S. Kalċidonju, Għawdex* . . . . . | A. Buttigieg | 80 |
| Eħlisna, Mulej ! . . . . . . | K. Sant | 81 |
| Il-Ħidma Tagħna . . . . . . | | 83 |
| 'Orientalist' u l-Ortografija tal-Għaqda . | A. Cremona | 87 |
| Biblijografija . . . . . . . | Ġ. c. | 23-95 |

IL-POETA hu dak li jaf iħobb u jħoss ġo fih l-akbar verità, u jagħraf ifissirha bil-qawwa u bis-sengħa.—BAILEY.

IL-POEŻIJA hija mużika mfissra bil-kliem: u l-mużika hi poeżija mfissra bil-ħsejjes—FULLER.

IL-POEŻIJA u n-niket huma aħwa; kull bniedem li jħoss ruħu mnikket u mbikki, huwa poeta; kull demgħa hija vers, u kull qalb hija poema. —ANDRE.

IN-NIKET igħallimhom *dak* li huma jgħallmu fil-poeżija tagħhom.—SHELLEY.

Inħobbu, inħaddmu u nxandru ma' kullimkien l-Ilsien Malti, għax bis-saħħa ta' Lsienna—dak l-ilsien għani u kbir — nuru lid-dinja li aħna Nazzjon għalina.

Direttur : Mons. Dun KARM PSAILA
Asst. Direttur : Ġużè Chetcuti

---

Ħlas 1/6 fis-sena. Ktieb wieħed -/6

Kull xorta ta' kitba tinbagħat lil Ġużè Chetcuti, 55, "Marnet", 133, Triq Żabbar, Raħal il-Ġdid.

Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lis-Sur A. Buttigieg, B.A.,LL.D. 266, Triq San Gejtanu, Hamrun.

*Nagħtu l-MILIED it-Tajjeb u s-SENA l-Ġdida, mimlija b'kull riżq u sliem, lill-kittieba, lill-qarrejja u lill-ħbieb kollha ta' "IL-MALTI".*

EMPIRE PRESS